# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 ta' Ottubru 2017**

**Numru 26**

**Rikors numru 155/11 RM**

**Gertrude Zammit**

**v.**

**John Mark Zammit**

## Preliminari

1. Dan huwa appell[1] maghmul mill-konvenut minn sentenza [is-sentenza appellata] moghtija mill-Qorti Civili [Sezzjoni Familja] fl-24 ta' Novembru 2016 li permezz taghha dik il-Qorti: ippronunzjat is-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija imputabbli liz-zewg partijiet u applikat fil-konfront tat-tnejn is-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 48

[1] L-appell tal-attrici kien gie dikjarat dezert minhabba nuqqas ta' pagament tal-kawtela.

tal-Kodici Civili; fdat il-kura u kustodja tal-minuri Gareth f'idejn il-konvenut, filwaqt li l-kura u kustodja tal-minuri Gretha giet fdata f'idejn l-attrici, b'access favur il-genituri rispettivi; awtorizzat lill-attrici tghix fid-dar matrimonjali 154 San Lorenzo, Triq il-Forga Naxxar ghall-perijodu ta' sitt xhur u gheluq dan il-perijodu d-dar tinbiegh kif indikat fl-istess sentenza; cahdet it-talba tal-partijiet ghall-hlas tal-manteniment fil-konfront ta' xulxin, filwaqt li ordnat li kull parti ghandha thallas l-ispejjez relattivi ghall-minuri li jirrisjedi maghha, hlief dawk ta' natura straordinarja li jirrigwardaw is-sahha tal-minuri, li ghandhom jigu sopportati mill-partijiet fi kwoti ndaqs; iddikjarat xjolta l-komunjoni tal-akkwisti, illikwidatha u assenjat lill-partijiet sehemhom mill-istess, filwaqt li pprovdiet dwar il-beni parafernali tal-partijiet; ordnat li l-ispejjez jigu sopportati mill-partijiet fi kwoti ugwali.

**<u>Il-Fatti</u>**

2. Il-fatti relevanti huma dawn. Il-partijiet izzewwgu fl-24 ta' Jannar 2004 wara gherusija ta' circa 3 snin u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt itfal, Gareth li twieled fis-7 ta' April 2005 u Gretha May li twieldet fis-26 ta' Ottubru 2009 u li llum ghandhom 12-il sena u 8 snin rispettivament.

3. Illi l-hajja matrimonjali bdiet tirriskontra problemi kwazi mill-bidunett taz-zwieg tant li wara t-twelid tat-tifel, il-partijiet bdew jorqdu fi

kmamar separati. Minkejja dan, f'okkazzjoni minnhom il-partijiet dahlu f'relazzjoni intima bir-rizultat li twieldet it-tifla.

4. Wara hafna inkwiet matul il-konvivenza, f'Awwissu 2011 il-konvenut accetta li jallontana ruhu mid-dar matrimonjali wara li l-attrici sofriet griehi f'wiccha hekk kif il-konvenut ried jiehu t-tifel, filwaqt li l-attrici baqghet tghix mat-tfal fid-dar matrimonjali.

5. Minn dakinhar sallum il-partijiet dahlu f'taqbida qalilha dwar il-kura u kustodja taz-zewg minuri u l-access. Dan l-aspett tal-kawza jifforma il-meritu tal-maggjor parti ta' rikorsi u rapporti prezentati tul dawn il-proceduri.

6. Iz-zwieg bejn il-partijiet gie dikjarat null b'sentenza moghtija mit-Tribunal Metropolitan[2] minhabba nuqqas attribwibbli lill-attrici, filwaqt li dik is-sentenza giet riformata mit-Tribunal Regjonali[3] li attribwiet in-nullita` taz-zwieg ghal nuqqas taz-zewg partijiet u l-*vetitum* gie impost fuqhom it-tnejn. Izda sallum ma jirrizultax li saru l-proceduri kontemplati fl-Artikoli 23 u 24 tal-Att dwar iz-Zwieg [Kap.255].

[2] Fl-4 ta' April 2016
[3] Fit-30 ta' Gunju 2017

## Is-Sentenza Appellata

7. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

***"Verzjoni tal-attrici***

"L-attrici tattribwixxi l-htija tal-problemi ta' bejniethom lill-konvenut u lill-familjari tieghu. Hija tghid inter alia[4] illi l-inkwiet bejniethom beda minhabba omm il-konvenut, u wara gimghatejn tat-tieg il-konvenut neza` c-curkett tat-tieg, gholla jdejh fuqha ghall-ewwel darba u kisser il-cupboard tal-kcina. Hija tipprezenta ritratti ta' dawn il-panewijiet a fol 1628 et seq. Tghid li min-naha ta' omm Mark paroli bhal *"Naghmel kollox biex ibni jerga` lura hawn"* kien isir ta' kuljum. Tghid li l-incidenti ta' vjolenza kienu ripetuti, kien jgholli idu u jkisser xi affarijiet fid-dar. Tghid li waqt l-ewwel tqala l-konvenut u ommu kienu jhedduha li kienu ser jehdulha t-tarbija meta tkun qed twelled. Tghid li wara li twieled it-tifel, l-intimita` bejniethom kienet spiccat kwazi ghal kollox u l-konvenut kien spiss jorqod fuq is-sufan. Tghid li mhux l-ewwel darba li kienet qabditu jara xi films mahmugin fuq it-television jew il-kompjuter u tant kien jirrabja li kienet tintebah x'qed jigri li kienu jtiru affarijiet ghal rasha, daqqiet ta' ponn, kliem baxx u pastaz. Tghid li l-att taz-zwieg b'mod normali kien sar rarissimu.

"Tghid li kien beda jirrikataha bis-separazzjoni u li jehodilha t-tifel, u wara li jkun tkellem ma' ommu kien jigi mimli ghaliha u jbiddel dak li jkunu ga hadu decizjoni dwaru.

"Huwa ghamel zmien l-isptar, u wara id-dar ghaliex ma setax johrog, u waqt dan iz-zmien is-sitwazzjoni baqghet tehzien. Tghid li l-konvenut kien beda jaqla hafna izjed inkwiet, glied, tkissir, storbju u ma kienx jorqod maghha. Kien sar biered u ma jinhasilx hlief darba f'xi tliet xhur, u jekk ikun ghadu kif inhasel ikollhom x'jaqsmu. Tghid li l-genituri taghha kienu ndunaw li kellhom l-inkwiet u kienu spiss jghinuhom finanzjarjament u jixtrulhom l-affarijiet. Tghid li l-konvenut kien ammetta li kienet ommu li qed taqla` l-inkwiet.

"Wara li hija regghet bdiet tahdem, kienet minghaliha li r-relazzjoni taghhom kienet tjiebet. Xorta ma kienx jinhasel kuljum izda minhabba li ma kinux johorgu ma' hbieb, ma kinitx thossha li jwaqqaghha ghac-cajt. Tghid li kienu johorgu ta' spiss mal-genituri taghha.

---

[4] Vide fost ohrajn l-affidavit tal-attrici pprezentat waqt is-seduta quddiem il-Perit Legali tal-11 ta' April 2014.

"L-attrici tixhed ukoll[5] illi fis-26 ta' Frar 2009, hija skopriet li kienet tqila, wara li kellhom x'jaqsmu fis-7 ta' Frar 2009. Tghid li ghall-ewwel immuta imbaghad ferah, izda gimgha wara qalilha li jrid test tad-DNA, ghalkemm imbaghad hassar l-appuntamenti ghax qalilha li kien jaf li t-tarbija tieghu.

"Tghid li waqt it-tqala zdiedu l-incidenti ta' vjolenza u darba hebb ghaliha quddiem il-ġenituri taghha. Kienu marru wkoll ghand diversi councillors.

"Meta twieldet it-tifla kien keccieha mill-main bedroom ghaliex kienet tqum biex tixrob ta' sikwit. Tghid ukoll li biex tixtri l-affarijiet tal-bzonn kienet iddum teqred u kienu jghinuha l-familja taghha. Kien johrog spiss mal-hbieb u kien tefa` r-ritratt tat-tifla fuq facebook anke jekk hi ma xtaqitx. Malli regghet dahlet fil-kamra tas-sodda, huwa beda jorqod fuq is-sufan u kompla l-glied, tkissir t'oggetti, waqt li kien jirrikattaha li jehdilha lit-tifel. Anke mat-tifel gieli kien vjolenti u darba gidmitu biex jerhi milli jkompli jilwi jdejh. Kien ikisser dak kollu li tal-familja taghha jaghtuh, u waqt li kmieni filghodu kienet tkun qed taghmel il-facendi kien jobzqilha jew jilghaqilha wiccha.

"Qabditu jara wkoll film pornografiku u films ta' vjolenza quddiem it-tifel.

"Tirrakkonta dwar bosta incidenti ta' vjolenza u tghid illi lit-tifel kien izommu taht idejh b'tali mod li hija ma setghetx tkellmu hlief filghodu u fl-ghaxija. Tghid li it-tifel baqa` jghix ma' missieru fid-dar matrimonjali filwaqt li hi kienet tqatta` hafna hin ghand ommha biex tevita l-inkwiet. Ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni bejnha u bejn binha u kull darba li kienet tipprova tkellmu kien jghidilha "I can't talk to you."

"Tirrakkonta incident f'Awwissu 2011 fejn spiccat l-isptar bid-daqqiet li taha l-konvenut, u sahansitra qattghet erbat ijiem *Merhba Bik* bit-tfal, imbaghad marret tghix ghand il-genituri taghha sakemm hareg id-digriet li l-konvenut ma setax jersaq lejn id-dar matrimonjali.

"In kontro-ezami waqt is-seduta tas-16 ta' Jannar 2015 quddiem il-Perit Legali, l-konvenut jghid dwar l-incident ta' Awwissu 2011, illi meta huwa kien hareg mid-dar, l-attrici ma kelliex demm ma' wiccha, izda hu u hiereg mid-dar seta` laqatha bil-minkeb, izda ma setax jara jekk kelliex demm jew le. Mar jaghmel rapport ghaliex ftit gimghat qabel diga kienet ghamlet l-istess haga u cioe` bdiet tistabat mal-hitan. Jghid li l-ewwel darba li sema` li l-attrici kellha xi demm fuq wiccha hu meta mar l-Ghassa t-tieni darba fuq struzzjonijiet tal-pulizija u raha fil-karozza tal-genituri taghha.

"Missier l-attrici Louis Dalli[6] jghid illi huwa kien jipprova jghin biex il-partijiet ma jisseparawx, izda l-konvenut kien aggressiv, anke mieghu,

[5] Vide affidavit taghha a fol 1669 et seq

[6] Vide fost ohrajn affidavit tieghu a fol 370 u kontro-ezami waqt is-seduta tal-21 ta' Jannar 2105

Sahansitra darba cemplitilhom binthom u qaltilhom "Ejjew ghax se joqtolni." Jghid li l-inkwiet bejn il-partijiet kien il-hin kollu ghaddej. Jghid li r-relazzjoni bejnhom u bejn il-partijiet daqqiet kienet mixja tajjeb u daqqiet bl-inkwiet. Ghamlu habta johorgu maghhom fil-weekend. Jikkonferma li hu u l-konvenut kienu hadmu flimkien fil-post tat-tifel tieghu u l-konvenut kien urih kif jghaddi l-elettriku. Jghid ukoll li kien ghamlilhom xi xoghol fid-dar.

"Omm l-attrici Lydia Dalli[7] tghid inter alia, illi fl-gherusija l-konvenut kien imur ghandha meta jiggieldu biex tippruvaha taghmilhom paci. Kien dejjem jaqla` xi haga. Tghid li waqt it-tieg huwa ma hadilhomx b'idejhom. Tghid li fit-tqala hija kienet issugeriet li jiehdu opinjoni ohra u l-konvenut kien qabel. Waqt li kienet tqila bit-tieni wild, darba hebb ghaliha, u meta r-ragel taghha mar fin-nofs, huwa hebb ghalih ukoll. Tghid li mbaghad it-tifla bdiet tqatta dejjem iktar hin ghandhom ghaliex tibza tmur id-dar. Tghid li darba cemplitilhom it-tifla u qaltilhom "Ejjew issa ghax se joqtolni" u meta marru d-dar sabuha b'wiccha minfuh mimlija demm. Tghid ukoll li huma jghinuha hafna fil-flus u fix-xiri ta' kuljum. In kontro-ezami, b'referenza ghall-affidavit taghha tghid li hija qatt ma ghamlet affidavit u tiftakar li r-ragel taghha kiteb l-istorja mhux hi. Tiftakar li darba marret ir-Registru u harget il-karta ta' l-identita` biex tahlef dokument dwar meta Gertrude kienet giet imsawta.

"L-attrici in kontro-ezami[8] tghid inter alia, illi hija taf li huwa jdahhal €1076 fix-xahar minn surveys ta' karozzi, oltre l-paga, u dan minn payslips u invoices u direct credits fil-kont bankarju. Hija tikkonferma li tiftah posta tieghu kif hu fetah taghha u qatt ma ghaddijielha. Tichad li d-dar matrimonjali hija maqsuma 1/5 ghalih u 4/5 ghaliha sabiex ikollhom rata ahjar ta' imghax fuq il-loan. Hija tikkonferma li l-partijiet ma jistghux jikkomunikaw minhabba t-tfal. Tghid li ommha qatt ma sawtet lit-tfal fil-prezenza taghha anzi t-tfal ilmentaw li n-nanniet paterni sawtuhom u tghid li hemm rapporti dwar li Mark sawwat lit-tfal. Hija tichad li qatt zammet lit-tfal milli jmorru ghall-access u tghid li l-konvenut kien vjolenti maghha sa mill-ewwel gimgha taz-zwieg.

***"Verzjoni tal-konvenut***

"Il-konvenut jixhed[9] illi waqt l-gherusija l-attrici kienet iggorr maghha dwejjaq u tensjoni minhabba l-genituri taghha. Jghid li pero` kien perpless kif xorta kienet tmur maghhom ghall-preparamenti u l-ghazliet tat-tieg. Jghid li hu l-attrici kien *bestman* fit-tieg izda ma ghamel xejn u telaq f'nofs ir-reception. Jghid li immedjatament wara li zzewgu l-attrici bdiet bl-inkwiet mieghu – bdiet tqatta` hafna hin mal-genituri taghha u l-genituri tieghu saru dawk li riedu jkissru z-zwieg. Il-festi kollha kienu jqattawhom mal-genituri taghha, qishom il-genituri tieghu ma jezistux. Jghid li anke wara l-intimata` bejnietom, l-ghada kienet tqum tivvinta xi

[7] Vide fost ohrajn affidavit taghha a fol 372 u kontro-ezami waqt is-seduta tat-18 ta' Frar 2015

[8] Vide inter alia is-seduta tas-16 ta' Marzu 2015

[9] Vide inter alia l-affidavit tieghu a fol 486 u x-xhieda tieghu in subizzjoni waqt is-seduta quddiem il-Perit Legali tal-21 ta' Novembru 2013 u tat-23 ta' Jannar 2014

argument. Jghid li wara li wegga`, l-attrici u l-familja taghha kellhom reazzjoni esageratissima u kompla jinduna bi problemi kbar ta' distakk mir-realta`, time management, anger management u stress control. Jghid li l-attrici kienet tipprogetta realtajiet inezistenti, tahseb li kulhadd jikkomplotta kontriha, tehodha kontrih, tissuspetta fil-fedelta` tieghu, tqajjem argumenti anke wara li jkunu raqda b'intimita`, nuqqas ta' sigurta`, aggressivita` lejh u lejn terzi. Kellha fissazjoni li meta jitwieled it-tifel hu u ommu kienu se jehduwulha. Fil-maghmudija taz-zewgt itfal ghamdu l-genituri taghha. Jghid li l-hajja intima spiccat lejn in-nofs tas-sena 2008, izda darba resqet fuqu u b'tama ta' rikonciljazzjoni kienu intimi u ftit gimghat wara qaltlu li kienet tqila. Jghid li hu kien kontra li l-attrici ssawwat lit-tifel bhala kastig u kienet tesigi l-perfezzjoni minnu waqt il-homework. Jghid li l-attrici mohhha fil-pika. Jghid li l-allegazzjonijiet ta' vjolenza kontinwa gew ribattuti minn hu Gertrude stess, Nikolai Dalli, li qal li l-incident ta' Awwissu 2011 kien l-ewwel wiehed li nvolva swat fiziku fuq ohtu.

“Jghid li z-zwieg tkisser ukoll minhabba indhil mill-genituri tal-attrici, u ghaliex hi ma rrealizatx x'inhu zwieg u ppruvat tghix zewg hajjiet. Huwa jghid li ghalkemm dak kollu li qaltlu l-attrici kontra l-genituri taghha waqt l-gherusija seta` ma kienx veru jew esagerat, xorta kienu jindahlu hafna u jibdlu pjanijiet li jkunu ghamlu huma bhala koppja.

“Omm il-konvenut Suzanne Zammit tixhed inter alia[10] illi waqt l-gherusija l-attrici kienet spiss tghidilhom fuq il-familja taghha u kemm kienu jittrattawha hazin. Tghid li anke waqt il-gurnata tat-tieg kien hemm ftit tensjoni bejn l-attrici u l-genituri taghha. Tghid li ghat-tluq Gertrude instemghet tghid lil ommha “Ma ghalfejn qed taghmilli hekk!” filwaqt li bdiet tibki. Tghid li wara z-zwieg l-attrici kienet biddlet l-atitudni taghha, saret agitata u dejjem taqla l-argumenti. Ix-xhud tghid li bdiet thossha *bullied* minn Gertrude. Tghid li damet kwazi sentejn ma tara lit-tifel Gareth u la l-konvenut u lanqas huma ma kienu prezenti ghall-ewwel tqarbina ta' Gareth. Tghid li maghhom u ma' missierhom it-tfal jghixu hajja stabbli u huma kuntenti, u tesebixxi xi ritratti biex juru li Gareth ghadu jigi msawwat minn ommu. Mistoqsija min kien qalilha lil Gretha li ma twilditx minn zaqq ommha imma minn zaqq mara ohra tghid “Gidba.”

“Waqt is-seduta quddiem il-Perit Legali tal-4 ta' Novembru 2015 jixhed Omar Mifsud, li meta kien johrog mal-attrici kellu hafna problemi mal-genituri taghha u anke kienu marru counselling. Jghid li f'kull kwistjoni jew argument kienu jidhlu l-genituri taghha, specjalment missierha. Kien ikollhom hafna argumenti u s-sitwazzjonijiet ta' kunflitt kienu jqumu f'daqqa wahda u mix-xejn. Jghid li wiehed mill-argumenti rikorrenti kien li l-genituri taghha ma riduhomx jibqghu flimkien. Ir-raguni principali ghaliex hassru kien l-indhil tal-genituri taghha u l-fatt li kienet ikkontrollata mill-genituri taghha. Jghid li hija kienet xtrat post izda ma kinitx marret tghix fih.

[10] Vide affidavit taghha a fol 978 u kontro-ezami tat-18 ta' Frar 2015

“Alexei Dalli, hu l-attrici jixhed in kontro-ezami fis-17 ta' April 2015 illi ghalkemm kien bestman fit-tieg taghhom, ma kienx involut u hadd ma qallu xi jrid jaghmel. Jghid li l-konvenut ma hax b'idejh u id missieru waqt it-tieg u hu kien ha ghalih u telaq f'nofs ir-reception. Jghid li mar darbtejn jghin lil huh fix-xoghol tad-dar u kien hemm il-konvenut qed jahdem id-dawl. Jghid li r-relazzjoni ta' ohtu mal-genituri hija tajba izda mhux wisq. Jghid li ggib l-affarijiet bi kbar.

“Jixhed ukoll Alan Fenech waqt is-seduta tal-11 ta' Gunju 2015, u jghid li huwa l-kugin tal-attrici u l-konvenut sar jafu meta l-partijiet bdew johorgu flimkien. Jiftakar li meta beda joqrob it-tieg kien hemm tensjoni kbira bejn l-attrici u l-genituri taghha u talbuh joqghod stand in bestman. Wara z-zwieg kien fetah qalbu mieghu u qallu li issa kienet Gertrude li qed tohloq it-tensjoni. Hija ma riditx tiehu lit-tifel ghand omm il-konvenut. Jghid li l-genituri ta' Gertrude ghandhom karattru difficli, u ghal sena ma jkellmux lilu u lil missieru u jghajjruh traditur ghaliex qaghad *stand in bestman*.

“Waqt is-seduta quddiem il-Perit Legali tal-14 ta' Lulju 2015, jixhed Max Borg Bonello li jghid li ilu jaf lill-konvenut madwar 20 sena, u lill-attrici kien jafha wkoll qabel ma' l-partijiet bdew johorgu flimkien. Fl-gherusija l-konvenut kien qallu li l-attrici kellha qisha genn biex titlaq mid-dar. Jghid li darba kienu qed jieklu s-Seabank wara li zzewgu u nqalghet diskussjoni u l-attrici bdiet titmashan u targumenta mal-ohrajn b'certu animosita`. Xi granet wara l-konvenut kien qallu li kien qed ikollu argumenti mal-attrici li donnha biddlet il-karattru u f'daqqa wahda saret iktar qrib il-genituri taghha.

“Waqt is-seduta tas-7 ta' Ottubru 2015 jixhed Paul Cini l-fotografu tat-tieg tal-partijiet li qal li fil-gurnata tat-tieg il-genituri tal-gharusa ma kinux emozzjonalment involuti u waqt ic-ceriminja seta` jinnota distakk bejn l-gharajjes.

“Missier il-konvenut Joseph Zammit jghid inter alia[11] illi l-gherusija r-relazzjoni ta' bejn il-partiiet kienet tajba hafna izda gurnata wara z-zwieg seta` jinduna li r-relazzjoni taghhom marret hazin minhabba problemi ta' matul iz-zwieg. Fil-jiem ta' qabel it-tieg l-attrici ma kinitx tkun trid tmur ghandhom, u fil-quddies tat-tieg il-genituri ma hadux b'idejn xulxin. Jghid li l-materjal ghad-dar xtrawh il-partijiet izda hu ghen fix-xoghol u ma thallasx ta' xogholu. Jghid li darba kien mar ghat-tifla u l-attrici bdiet tghajjru u toffendih u qaltlu “Issa tehduhom lit-tfal. Jien immur il-habs ghax jien noqtolhom it-tfal.” Dan qalitu quddiem Gretha.

**“Ligi**

“Id-disposizzjonijiet tal-ligi l-aktar rilevanti ghall-kaz odjern huma s-segwenti:

[11] Vide seduta tal-4 ta' Novembru 2015

**"Artikolu 3B**

*""(1) Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied.*

*"(2) L-obbligu li l-ġenituri għandhom li jipprovdu l-manteniment skont is-subartikolu (1) jinkludi ukoll l-obbligu illi, skont il-mezzi tagħhom, u fejn ma jkunx raġonevolment possibbli lil-ulied, jew min minnhom, imantnu lilhom infushom kif xieraq, ikomplu jipprovdu manteniment adegwat lill-ulied:*

*"(a) li jkunu studenti li qegħdin jipparteċipaw f'edukazzjoni, taħriġ jew tagħlim full-time u huma taħt l-età ta' tlieta u għoxrin sena; jew*

*"(b) li jkollhom diżabilità, kif imfissra fl-Att dwar Opportunitajiet Indaqs għal Persuni b'Diżabilità, kemm jekk hija fiżika jew mentali.*

*"(3) L-obbligi msemmija fis-subartikolu (1) jorbtu wkoll lill-persuna li tkun qed taġixxi in loco parentis fir-rigward ta' wild ta' ħaddieħor, minħabba ż-żwieġ tagħha ma' ġenitur ta' dak il-wild, fejn il-ġenitur l-ieħor tal-istess wild, ikun, f'xi żmien qabel jew matul iż-żwieg, miet jew ġie iddikjarat bħala persuna assenti skont id-dispożizzjonijiet ta' Titolu VII ta' l-Ewwel Ktieb ta' dan il-Kodiċi, jew ma jkunx magħruf:*

*"Iżda dak provdut f'dan is-subartikolu jkun bla ħsara għall-obbligi tal-ġenituri naturali tal-wild u f'kull każ bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 149."*

**"Artikolu 7**

*""(1) Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, igħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B.*

*"(2) Meta ma hemmx il-ġenituri, jew jekk dawn ma jkollhomx mezzi biżżejjed, id-dmir tal-manteniment u tal-edukazzjoni tal-ulied jaqa' fuq l-axxendenti l-oħra."*

**"Artikolu 9**

*""Parti fiż-żwieġ ma tistax ma tagħtix l-appoġġ morali tagħha lill-parti l-oħra fit-twettiq ta' kull obbligu li dik il-parti l-oħra jkollha lejn id-dixxendenti jew l-axxendenti tagħha."*

**"Artikolu 19**

*""(1) Fil-manteniment jidħlu l-ikel, l-ilbies, is-saħħa u l-abitazzjoni.*

*"(2) Fil-manteniment li għandu jingħata lill-ulied u dixxendenti oħra, jidħlu wkoll l-ispejjeż meħtieġa għas-saħħa u għall-edukazzjoni tagħhom."*

**"Artikolu 20**

*““(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta’ min jitolbu u l-mezzi ta’ min għandu jagħtih.*

*“(2) Fl-istħarriġ sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort’oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta’ xi professjoni, arti jew sengħa.*

*“(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta’ min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħumogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.*

*“(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa’ f’daru l-persunali titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunxaxxendent jew dixxendent.*

*“(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta’ min jitlob il-manteniment, għandujittieħed qies ukoll ta’ kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jewimmobbli kif ukoll ta’ kull interess benefiċjarju taħt trust.”*

**“Artikolu 40**

*““Kull wahda mill-persuni mizzewgin flimkien tista’ titlob il-firda minhabba eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi tal-parti l-ohra kontra l-attur, jew kontra xi wiehed jew iehor mit-tfal tieghu, jew minhabba li l-hajja flimkien ma tkunx ghadha possibbli ghax iz-zwieg ikun tkisser irremedjabilment.”*

**“Artikolu 44**

*““Il-fatt li jkun hemm ragunijiet li ghalihom sew ir-ragel kemm il-mara jistghu jitolbu l-firda, mhux ta’ xkiel ghall-wiehed jew ghall-ohra li jitolbu l-firda kontra xulxin.”*

**“Artikolu 48**

*““(1) Il-parti, r-ragel jew il-mara, illi tkun il-hatja tal-firda ghal wahda mir-ragunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef-*

*“(a) Il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;*

*“(b) Dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-ohra b’donazzjoni bi hsieb taz-zwieg, jew waqt iz-zwieg, jew taht titolu iehor gratuwitu;*

*“(c) kull jedd ta’ parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda.*

*“Għall-finijiet ta’ dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta’ waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b’kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu;*

*"(d) Il-jedd li iggiehel lill-parti l-ohra, f'kull kas, li taghtiha manteniment bis-sahha tal-obbligu li jitnissel miz-zwieg.*

*"L-artikoli imsemmijin fis-sub incis (a) jirreferu ghad-drittijiet successorji bejn il-konjugi."*

**"Artikolu 51**

*""Il-firda li ssir minhabba xi wahda mir-ragunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti imsemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidrilha li, taht ic-cirkostanzi tal-kas, ghandhom ighoddu, f'kollox jew bicca, id-disposizzjonijiet ta' dak l-artikolu."*

**"Artikolu 52**

*""Hu mholli ukoll f'idejn il-qorti li tiddeciedi, skont ic-cirkostanzi, jekk id-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 ghandhomx ighoddu, f'kollox jew f'bicca, ghar-ragel u ghall-mara, jew ghal wiehed jew ghall-ohra biss, inkella m'ghandhomx ighoddu ghal hadd minnhom, jekk il-wiehed u l-ohra jkunu htija tal-eghmil li jaghti lok ghall-firda."*

**"Artikolu 149**

*""B'dak kollu li jinsab f'kull disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi, il-qorti tista', jekk tiġi murija raġuni tajba, tagħti dawk l-ordnijiet dwar il-persuna jew il-proprjetà ta' persuna li tkun taħt l-età kif jidhrilha xieraq fl-aħjar interessi tat-tifel."*

**"Gurisprudenza**

"In tema legali ssir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Susan Armeni vs Leonard Armeni**, deciza fit-30 Ottubru 2015, fejn il-Qorti enuncjat:

*""25. Din il-Qorti tosserva li z-zwieg huwa intiz sabiex il-partijiet jizviluppaw bejniethom komunjoni ta' hajja u ta' imhabba kemm lejn xulxin kif ukoll lejn it-tfal taghhom u l-konjugi ghandhom jagixxu fl-interess tal-familja li ghandha tkun l-ewwel prijorita` fiz-zwieg.*

*"- omissis -*

*"28. Il-hajja matrimonjali tezigi impenn kontinwu dirett lejn l-interessi tal-familja anke jekk dan ifisser li parti tirrinunzja temporanjament jew anke permanentament ghal xi haga li tkun thobb taghmel u dan b'mod partikolarment fejn fiz-zwieg jitwieldu t-tfal ghax f'dan il-kaz dak li hu ta' priorita` huwa l-obbligu taz-zewg genituri li jiehdu hsieb it-trobbija u l-benessere tat-tfal taghhom, almenu sakemm dawn isiru maggjorenni u indipendenti."*

"Fis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili **Charmaine mart Alfred Zahra f'isimha proprio u bhala legittima rapprezentanti ta' uliedha minuri Shannon u Brandon vs Alfred Zahra** deciza fis-27 ta' Gunju 2003, inghad:

*""...ghalkemm l-inkompatibilita` tal-karattru per se` ma tikkostitwix motiv fost dawk elenkati mil-ligi li jakkorda d-dritt ghas-separazzjoni, eppure "la stessa non puo non essere presa nella debita considerazione dalla Corte per la valutazione della gravita` delle cause che avessero determinato una delle parti ad adire il tribunale per ottenere la separazione" (Vol. XXVIII P II p 298). Tant dan hu hekk illi fl-istess sentenza jinghand ukoll illi "un contegno di indiferenza persistente da parte di un coniuge verso l'altro costituisce una sevizia morale";*

*"Issa kif gie espress fid-decizjoni a Vol. VIII pag. 877, "per potersi pronunciare la personale separazione dei coniugi per sevizia e cattivi trattamenti, come fu ripetutamente giudicato dei tribunali francesi, bisogna che tali sevizie e mali trattamenti siano abituali e che abbiano un carattere di gravita` che stabiliscono un sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggi e di umiliazioni che rendono almeno insopportabile l'abitazione e la vita comune."*

"Fil-kawza fl-ismijiet **Carmela Falzon vs Paolo Falzon** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' April 1959 gie ritenut li:

*""B'ligi, l-applikazzjoni ta' dawk id-dekadenzi tal-konjugi mid-drittijiet taghhom kontra xulxin bhala effett tal-pronuncja ta' separazzjoni bejniethom,"in toto" jew in parti, hi fakoltattiva ghall-Qorti, jekk id-domanda ghas-separazzjoni tkun radikata fuq il-mottiv ta' eccessi, sevizji, minacci u ingurji gravi. U allura jiddependi mid-deskrizzjoni taghha jekk tapplikax jew le dawk id-dekadenzi fil-kaz partikolari."*

"Il-Qorti ta' l-Appell fil-kaz **Catherine Mifsud v Louis Mifsud**, deciz 25 ta' Ottubru 2013 enuncjat:

*""Il-manteniment mhux xi dritt sagrosant ta' min jissepara izda jigi ordnat il-hlas tieghu meta hemm il-bzonn. L-artikolu 20[1] jghid li l-manteniment ikun dovut skont il-bzonn ta' min jitolbu."*

"Rigward l-interess suprem tal-minuri, fil-kawza fl-ismijiet **Sylvia Melfi vs Philip Vassallo** deciza mill-Prim Awla fil-25 ta' Novembru 1998, gew enuncjati s-segwenti principji:

*""The Court should at all times seek the best interest of the child irrespective of the allegations, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. <u>Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.</u>"* [Sottolinear tal-Qorti]

"Iktar recenti, l-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Francienne Fenech vs Alexander Fenech**, deciza fid-29 April 2016, qalet hekk:

*““40. In tema legali, issir referenza ghal dak riportat fis-sentenza tal-Qorti tal-Familja fil-kawza numru 277/2012 A B v. C D, deciza fit-30 ta’ April 2015, fejn il-pozizzjoni legali korretta u stabbilita fil-gurisprudenza f’kazijiet ta’ determinazzjoni ta’ kura u kustodja tal-minuri u modalita` ta’ access favur il-minuri giet deskritta bil-mod segwenti:*

*“In tema legali issir referenza ghas-sentenza moghtija fit-3 ta’ Ottubru 2008 fl-ismijiet* ***Miriam Cauchi v. Francis Gauci*** *fejn il-Qorti tal-Appell iddikjarat illi fejn il-genituri ma jitkellmux, talba ghall-kustodja kongunta ghandha tigi skartata mill-Qorti. Din il-Qorti filwaqt li tiddikjara li taqbel ma’ tali pronunzjament izzid illi l-istess principju japplika fejn iz-zewg genituri m’humiex kapaci jitkellmu b’mod civili ma’ xulxin li l-kura u kustodja m’ghandhiex tkun kongunta ghaliex immankabilment tkun sors ta’ litigji ulterjuri b’detriment serju ghall-benessere tal-minuri. Fis-sentenza appena citata l-Qorti tal-Appell iddikjarat hekk:-*

*“Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m’hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li, ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma’ ommha u anke ma’ missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access, jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri.*

*“Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux vice versa. L-importanti hu l-istabbilita` emozzjonali tat-tifla, u li din ikollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli.’*

*“Fis-sentenza* ***Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud*** *moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta’ Marzu 2014, il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri huwa ta’ applikazzjoni assoluta l-****Artikolu 149 tal-Kap. 16*** *li jaghti l-poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri.*

*“Fl-ahharnett issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta’ Ottubru 2014 fl-ismijiet* ***Mario Darmanin vs Annalise Cassar:***

*“… … ... meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta’ minuri, il-Qorti ma ghandhiex tkun iddettata u kondizzjonata mill-merti u dimeriti tal-partijiet ‘ut sic’ izda biss dwar x’inhu l-ahjar interess tal-minuri. (vide per ezempju* ***Magro v. Bonnett*** *11 ta’ Dicembru 2003 u* ***Portelli v. Portelli****, 25 ta’ Gunju 2003 – Prim’ Awla).*

*“Dwar jekk kura u kustodja kongunta f’kazi bhal dawn hijiex l-ahjar soluzzjoni, din il-Qorti taqbel ma’ sensiela ta’ sentenzi moghtija minn din il-Qorti fl-ahhar snin u cioe’ kif qalet din il-Qorti illi: “Il-Qorti qed tiskarta t-talba ghal kustodja kongunta ghaliex bhala sistema m’hijiex prattikabbli meta l-genituri ma jiftehmux bejniethom.” (****Miriam Cauchi v. Francis Cauchi*** *– Qorti tal-Appell, 3 ta’ Ottubru 2008). Li wiehed jghid li f’din il-kawza l-partijiet mhux jiftehemu huwa “understatement”. Il-Qorti tara li jekk tikkonferma d-decizjoni tal-ewwel Qorti f’dan l-aspett tkun qed taghti lok ghal hafna disgwid li ma jfisser xejn ghajr hsara lill-minuri, specjalment jekk kif jista’ jigri fil-hajja ta’ kull bniedem ikun hemm bzonn ta’ decizjonijiet mghaggla u urgenti f’dan ir-rigward. Certament ghalhekk tali sitwazzjoni ma hija prattikabbli xejn fil-kaz in ezami.’*

> *"… Kif fuq spjegat, id-decizjoni tal-Qorti f'din il-materja tmur lil hinn minn jekk parti hijiex kapaci jew affidabbli. I<u>l-Qorti trid tiehu kont ta' x'inhu fl-interess suprem tal-minuri mil-lat l-aktar ampju tieghu, inkluz is-sahha fizika u psikologika taghhom, kif ukoll il-mod kif ukoll l-animu li jaraw li l-genituri ghandhom fil-konfront ta' xulxin.</u>*" [sottolinear tal-Qorti]

"In tema ta' *parental alienation* li dwarha taghmel is-sottomissjonijiet taghha l-attrici, huma ta' siwi decizjonijiet tal-Qrati Inglizi in rigward, fosthom **M (Children) (contact: Long term Best interests) [2005] EWCA Civ 1090** fejn **Ward LJ** enuncja:

> *"Where as in this case the court has the picture that a parent is seeking without good reason, to eliminate the other parent from the child, or children's lives, the court should not stand by and take no positive action. <u>Justice to the children</u> and the deprived parent in this case the mother, require the court to leave no stone unturned that might resolve the situation and prevent long term harm to the children."* [sottolinear tal-Qorti]

"Fis-sentenza **[2012] EWHC 1948 (Fam) Case Number: MA11P00521** il-High Court of Justice ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet f'kaz li kien jirrigwarda zewgt ahwa minuri J u B:

> *""54. The welfare of J and of B, <u>individually and together</u>,[12] is my paramount consideration. In such an apparently intractable case, careful analysis of the welfare checklist is essential.*
>
> *"55. At the outset, however, a central factual question must be resolved. Why do two children, who enjoyed seeing their father as recently as April 2011 and at New Year 2012, appear now to be so violently resistant to doing so again?*
>
> *"56. The mother says that she has done everything she can, bringing boys to handovers and telling them to go. She blames the father and the guardian for the failure of the recent attempts. She for her part has complied with the order by 'allowing' the children to see their father.*
>
> *"57. I do not accept any of this. I have had the opportunity to observe the mother's approach over the past nine months. I find that she does not in truth want the children to have a good relationship with their family in Blackpool.*
>
> *"… ... …*
>
> *"59. I now turn to consider prominent factors in the welfare checklist.*
>
> *"60. First, the options available to the Court are limited. Further delay is to be avoided. The proceedings have been going on for over two years, with all the disadvantages that continual litigation brings. The realistic alternatives now are to make a residence order to the father, immediate or conditional, or leave things as they are. In that case, the children will not see their father or extended family in the foreseeable future unless*

[12] Sottolinear tal-Qorti

*the children live with him or the mother changes her behaviour. A simple contact order has been tried repeatedly and will not be effective. The question is whether the mother will change her approach if a change of residence is inevitable and not just possible.*

*"61. Next, the children's wishes and feelings. Here it is important to distinguish between real wishes and feelings on one hand, and statements that the children make, and think they mean, on the other. Having considered the matter carefully, I am convinced that these children love their father and want to be able to see him, but that they are being prevented from showing those feelings or acting on them.*

*"62. I find that J very much takes the lead in stating the boys' position, with B, though articulate himself, taking his cue from J.* [13]

*"… ... …*

*"65. In relation to the children's needs, there are factors that strongly speak against a change of residence.*

> *"o In all other respects, they have made very good progress in their mother's care. They have received good parenting and are a credit to their parents, and particularly to her.*
>
> *"o They are securely attached to their mother, and to W and A, and have a good relationship with their stepfather Mr A, who they admire. The relationship between the boys and their younger half-brothers is very important to them and a change of residence not only means that they would see much less of them, but that their upbringings would inevitably diverge.*
>
> *"o A change of residence disrupts the pattern of care within the home that the children have been used to all their lives, despite several changes of address while in their mother's care.*
>
> *"o They are doing well at school, despite several changes of school.*
>
> *"o The children have at the moment persuaded themselves that they do not want to see their father, let alone live with him.*
>
> *"o Without the mother's support, the children would be very difficult to move and they may not settle with their father.*
>
> *"o Arrangements for contact with their mother and siblings would be difficult, at least at the outset.*

*"66. A move would therefore bring real losses for the children, and risks, which could easily amount to harm if the transition was unsuccessful.*

*"67. The headteacher of the children's current school reports very positively about the part played by the mother and Mr A. She writes that: "I strongly believe that the children under [the mother] are thriving very*

[13] Sottolinear tal-Qorti

*well. Any variation of this will be detrimental to the wellbeing of the children, in particular J, where the impact will be most felt immediately in terms of mental health. This is also affecting the other children in the family, resulting in the children's emotional needs not being addressed or met." I note these views, coming as they do from the specific perspective of the school.*

*"68. Against these factors:*

> *"o A move is the only way of restoring the children's relationships with their father and wider family.*
>
> *"o There is no available therapeutic mechanism that can restore their relationship with their father, given the distances, the lack of funds and the mother's current attitude.*
>
> *"o The children's true feelings are, as I have found, being stifled.*
>
> *"o The father is, I find, capable of bringing up the children appropriately and meeting their needs. Although he is untested as a full-time carer, there is no reason to believe that he cannot take on that role successfully with the support network that he has, and the flexibility that his employment allows.*
>
> *"o I discount the suggestion that the children would come to harm in the father's care as a result of any acts or failures on his part.*
>
> *"o The father is likely to support the children's relationship with their mother to the extent that it is within his power to do so.*

*"69. Balancing these factors, <u>I look at the whole picture and at the short, medium and long-term consequences of each option.</u>* [14]

*"… ... I acknowledge that there are a number of ways in which a transfer of residence might run into difficulties. However, my conclusion is that it is more likely to succeed than to fail. I believe that once J and B realise that the Court is determined to see that its orders are carried out, and once they experience a return to familiar people and places, they will be relieved of the need to challenge and disrespect their father.*

*"Decision*

*"72. Weighing up matters, my conclusion is that <u>it is unacceptable from the point of view of the boys' welfare in the short, medium and long term for them to be deprived of family relationships that are essential for their development as balanced young people, and as adults</u>.*[15] *Although leaving the children to grow up in relative isolation of their mother's home is the easier short-term solution, it does not provide the foundations that they need for a healthy, rounded future.*

*"73. It is also, as I have already noted, bad for the children to be taught that the sort of manipulation that they have been caught up in succeeds.*

[14] Sottolinear tal-Qorti
[15] Sottolinear tal-Qorti

*That would be a lesson in injustice. The Court has repeatedly concluded that it is in their interests to see their father and it is plainly wrong for them to learn that decisions of this kind can be ignored or defied, as is now happening.*

*"74. Although the boys are of an age where their views have to be taken seriously, I am not deterred by what they say they want to happen. This is not to disrespect them, but to respect them by treating them as children who have no way of dealing with this sort of pressure.*[16] *A true appreciation of their wishes and feelings points towards the restoration of their relationship with their father, not to its abandonment.*

*"75. The most difficult aspect of the matter, in my view, is that a move would separate J and B on a day-to-day basis not only from their mother, but also from W and A. This would be a very great loss to all four children, but it is not a total loss as the Court will be as concerned to maintain the children's relationships with their mother and siblings in the future as it has been to maintain their relationships with their father and wider family in the past."*[17]

"Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ingliza fil-kaz hawn fuq riferit huma tassew rilevanti ghall-kaz odjern, b'mod partikolari meta jinghad illi l-gid u l-interess suprem tal-minuri jiddetta illi jigi mhares il-*welfare* tat-tfal *'in the short, medium and long term.'* Id-decizjonijiet ta' din il-Qorti fir-rigward tal-minuri Gareth u Gretha ser jimmiraw propju lejn dan.

**"Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**"Htija ghat-Tkissir taz-Zwieg**

"L-attrici tissottometti illi z-zwieg taghha tfarrak b'tort uniku tal-konvenut in kwantu, inter alia, huwa kellu kuncett taz-zwieg bhala *single child* fil-familja fejn kulhadd hu mistenni joqghod ghal dak li jixtieq hu u kif jixtieq hu. Kien vjolenti, kellu kilba ghall-flus ta' missierha, u kien jonqos mill-aspett tal-intimita` tal-koppja. Da parti tieghu, il-konvenut jattribwixxi l-htija tat-tifrik taz-zwieg taghhom lill-attrici in kwantu, fost affarijiet ohra, hija ssofri minn dizordni ta' personalita` fejn tbati minn ansjeta` qawwija, tipprogetta realtajiet inezistenti u turi aggressivita` kemm lejh kif ukoll lejn terzi.

"Iz-zwieg tal-partijiet kien ikkaratterizat ukoll minn diversi rapporti mal-Pulizija kontra xulxin, indikazzjoni ta' sitwazzjoni infelici u mimlija rabja tal-partijiet fil-konfront ta' xulxin. Waqt is-seduta quddiem il-Perit Legali tas-26 ta' Gunju 2014, l-Ispettur Josric Mifsudipprezenta numru ta' rapporti li saru mill-attrici kontra zewgha gewwa l-Ghassa tan-Naxxar, kif ukoll rapport wiehed li sar mill-konvenut kontriha (Dok JM2-JM8 a fol 1639 et seq).

[16] Sottolinear tal-Qorti
[17] Sottolinear tal-Qorti

"Waqt is-seduta quddiem il-Perit Legali tal-21 ta' Jannar 2015, l-Ispettur Marthese Micallef ipprezentat 32 rapport li sar mill-attrici kontra l-konvenut (Dok MM1 sa MM3); 19-il rapport li sar mill-konvenut kontra l-attrici (Dok MM33 sa Dok MM52) u rapport wiehed li sar minn Alan Micallef u martu kontra l-attrici (Dok MM54) meta din allegatament marret id-dar taghhom tistaqsi ghaliex ma baghtuliex Christmas card u tghidilhom dwar il-problemi matrimonjali bejnha u bejn zewgha.

"Il-konkluzjonijiet fir-rapport tal-psikologa Roberta Zahra de Domenico (fol 262 et seq) huma indikattivi tat-tracci karatterjali problematici taz-zewg partijiet. Hija tissottometti inter alia illi l-konvenut isibha difficli jammetti d-difetti tieghu u jsibha izjed facli illi jwahhal f'haddiehor. Tissottometti wkoll illi ma juriex l-emozzjonijiet tieghu u huwa nieqes minn empatija ghal haddiehor bil-konsegwenza illi dan jikkrejalu diffikultajiet *'when it comes to intimate relationships that require more than the usual charm to be maintained.'* (Fol 266)

"Fir-rigward tal-attrici, l-psikologa Zahra de Domenico tissottometti fost affarijiet ohra, illi hija *'emotionally vulnerable'* b'dan illi hija tghaddi kemm minn mumenti ta' rabja kif ukoll mumenti ta' ansjeta` kbira. Tissottometti wkoll illi *'...for Gertrude, maintaining a full, meaningful and stable relationship with anther person can be difficult because of inherent personality difficulties…'* (Fol 269) Inoltre, *'Gertrude's vulnerability extends to her inability to cope with life stressors.'* (Fol 270)

"Dawn huma biss siltiet mir-rapport tal-psikologa Zahra deDomenica li jitfghu dawl fuq il-problematici karatterjali u emozzjonali tal-partijiet li rrendew il-konvivenza bejniethom wahda insopportabbli, u li sfortunatament effettwaw b'mod negattiv lil uliedhom. Kif tajjeb tikkonkludi l-istess psikologa, anke wara li hadet in konsiderazzjoni l-varji rapporti tal-esperti l-ohra li jinsabu in atti[18] *"The overall picture presented by this couple is that both were not able to deal with the changes that needed to happen within marriage."* (Pg 12)

"Dan wassal ghal sitwazzjoni fejn il-partijiet imtlew rizentiment kontra xulxin, u bdew jimmanifestaw dan ir-rizentiment b'aggressivita`, rabja u glied fil-konfront ta' xulxin u tal-membri familjari rispettivi, ammontanti ghal ingurji gravi u sevizzi fil-konfront ta' xulxin, inkuranti anke tal-fatt illi **kienu qed ikissru l-izvilupp psikologiku ta' uliedhom b'mod permanenti**. Agir dan, li kif setghet tikkostata din il-Qorti, l-partijiet baqghu jimmanifestaw tul il-kors tal-odjerni proceduri.

"Ghalhekk, il-Qorti ghandha l-konvinciment morali li huma z-zewg partijiet b'mod ugwali illi jahtu ghat-tifrik taz-zwieg ta' bejniethom u sejra tapplika fil-konfront tat-tnejn li huma s-sanzjonijiet kontemplati fl-Artiklu 48 tal-Kap 16.

[18] Vide rapport tal-psikologa Ms Roberta Zahra deDomenica bejn Pg 10 u Pg 12.

**“Kura u Kustodja u Access tal-minuri Gareth u Gretha**

“Bis-sostenn tal-varji rapporti psikologici li gew prezentati quddiemha tul il-kors ta' din il-kawza, din il-Qorti b'dieqa kbira tirrileva l-hsara psikologika ta' gravita` serjissima li giet inflitta fuq iz-zewg minuri Gareth u Gretha, u li kif gie konstatat minn diversi esperti li hadu konjizzjoni tas-sitwazzjoni familjari taghhom[19] sfortunatament sejrin igorru tul hajjithom kollha. Ebda tifel u tifla ma ghandhom jigu assoggettati ghall-problemi matrimonjali tal-genituri taghhom, wisq inqas ghal din it-tip ta' manipolazzjoni da parti tal-persuni li suppost ghandhom ghal qalbhom l-ewwel u qabel kollox l-interessi taghhom.

“Din il-Qorti hija tal-fehma illi r-relazzjoni ta' bejn l-omm u t-tfal minuri Gareth u Gretha ghandha diversi problematici li jridu jigu ndirizzati. B'mod partikolari dan jinghad ghat-tifel Gareth illi, kif gie kkonfermat minn bosta professjonisti fil-kamp li hadmu mal-partijiet u uliedhom[20], hija tassew sintomatika u tindika illi huwa zviluppa certu kumpless fil-konfront ta' ommu l-attrici li mhux biss ma hijiex salutari ghalih, izda li sfortunatament qeghdha tinfluwenza wkoll lil ohtu z-zghira.

“Din il-Qorti, hija tal-fehma illi z-zewgt itfal, izda specjalment it-tifel li huwa ikbar u li ghex is-separazzjoni turbolenti tal-genituri tieghu f'eta` ikbar meta seta` jifhem u jgharbel certu affarijiet, ghandu bzonn l-ghajnuna sabiex jerga` jibni r-relazzjoni ma' ommu minghajr l-ostilita` u r-rizentiment li qieghed ihoss lejha. Il-partijiet u l-familji rispettivi taghhom li maghhom jigu spiss fdati dawn il-minuri, ghandhom jifhmu illi huwa ta' hsara kbira ghat-tfal, mhux biss fir-relazzjoni taghhom ma' ommhom, izda fl-izvilupp emozzjonali u psikologiku taghhom, illi jisimghu diskors dispreggjattiv dwar ommhom u dwar il-familja materna. It-tifel mhux biss ma jkompliex ma' ommu u jghajtilha bi kliem dispreggjattiv bhal ma huma 'idiot' u 'devil', izda sahansitra lanqas ma jkompli man-nanniet materni meta dawn immorru jarawhom waqt il-hin tal-access.[21]

“Sinifikattiv ukoll huwa l-fatt ta' kif it-tifel Gareth sahansitra jbiddel verzjonijiet[22] dwar certu avvenimenti, bhal ma kien l-incident ta' bejn il-partijiet f'Awwissu 2011, meta l-ewwel qal lill-haddiem socjali li ommu kienet wegghet lilha nifisha, filwaqt li lis-social worker Maria Cannataci qalilha li kien missieru li kien weggaghha, u sussegwentement rega` bidel il-verzjoni ghal dik fejn l-omm wegghet lilha nnifisha. Meta kkonfrontat huwa qal li kienet in-nanna materna li qaltlu biex jghid li missieru kien wegga’ lil ommu.[23] Kien hemm istanza ohra fejn ghalkemm Gareth l-ewwel ammetta li kien wegga` lil ommu, imbaghad

[19] Vide per ez certifikat ta' Dr Mark Xuereb a fol 57

[20] Vide r-rapporti tal-Avukat tat-Tfal Dr Stephanie Galea, r-rapporti tal-esperta psikologa Mrs Carmen Sammut u d-diversi social workers li xehdu fil-kawza

[21] Vide xhieda ta' Suzanne Schembri a fol 1038, u n-nota tal-Agenzija Appogg a fol 1108.

[22] Vide xhieda ta' Marisa Cannataci waqt is-seduta quddiem il-Perit Legali tat-12 ta' Gunju 2012

[23] Vide xhieda ta' Marisa Cannataci waqt is-seduta quddiem il-Perit Legali tat-22 ta' Gunju 2012

biddel il-verzjoni u qal li ommu kienet weggghet lilha nnifisha.[24] Komportament dan li zgur ma huwiex konsoni ghal tifel ta' sitta, seba` snin, izda li huwa indikazzjoni ta' skonfort u disturb qawwi li sfortunatament gew inflitti fuq dan it-tifel tul il-kors ta' din is-separazzjoni turbolenti.

“Din il-Qorti taqbel perfettament mar-ragunament u l-konkluzjonijiet tas-social worker Therese Micallef fir-rapport taghha[25] illi l-partijiet iridu jifhmu u jaccettaw illi issa li huma separati, kull wiehed minnhom ghandu d-dritt u d-dover li jezercita r-rwol tieghu ta' genitur bl-ahjar mod illi jahseb hu meta t-tfal ikunu mieghu, u jekk dawn ghandhom modi differenti kif jaghmlu dan, ghandhom jaccettawh minghajr ma ippruvaw jitfghu dell ikrah fuq l-iehor quddiem it-tfal.

“Il-Qorti kellha l-okkazjoni illi tisma` lil dawn il-minuri personalment u separatament u ghalhekk kellha l-opportunita’ li tisma’ mhux biss x’kellhom xi jghidu dawn it-tfal izda wkoll li tikkonstata direttament il-hsara psikologika li dawn iz-zewgt itfal sofrew b’rizultat tal-atrit duratur u nociv taz-zewg genituri taghhom.

“Fl-ewwel lok it-tifel il-kbir Gareth ghandu influwenza kbira hafna fuq ohtu z-zghira Gretha. Dan jirrizulta mid-diversi xhieda u noti tal-Appogg li kienu josservaw lit-tfal, u li sahansitra xehdu illi t-tifla kienet tiekol bil-mohbi ta' huha meta tkun ghand ommha. Il-Qorti kellha wkoll ic-cans illi tikkostata din l-influwenza meta semghet lill-minuri personalment.

“Il-Qorti hi tal-fehma illi z-zewg genituri partijiet f’din il-kawza ghamlu l-ghalmu taghhom sabiex ibedu liz-zewg minuri mill-genitur l-iehor. Jidher illi l-agir tal-missier kellu s-soppravvent fuq l-agir tal-omm tant li t-tifel Gareth, illi ghex aktar mill-qrib u ta' eta` ikbar il-problemi matrimonjali tal-genituri tieghu, huwa llum ostili lejn ommhom b’mod oggettivament inspjegabbli. Ir-ragunijiet li jaghti ghal din l-ostilita’ ma humiex oggettivament accettabbli li ghandhom iwasslu ghal tant agir aggressiv u distruttiv. Il-Qorti hi tal-fehma illi iz-zewg genituri f’xi zmien jew iehor kellhom agir deskritt mill-esperti f’dan il-qasam bhala ***hostile aggressive parenting*** (HAP) bl-iskop li t-tfal jigu mbeda mill-genitur l-iehor. Dan wassal lill-minuri, b’mod partikolari lil Garreth, sabiex jadotta attitudni u agir aggressiv u dispreggjattiv b’mod allarmanti fil-konfront ta’ ommu izda mhux fil-konfront ta’ missieru. Huwa evidenti ghall-Qorti illi Garreth irribella kontra din is-sitwazzjoni u allinea ruhu ma’ missieru kontra ommu. Dan tikkostatah abbazi tar-rizultanzi processwali, kif ukoll b'mod partikolari l-inkontru in camera li fieh il-Qorti kellha l-opportunita’ li tisma’ lit-tfal direttament. Din il-kostatazzjoni ma ghandhiex tittiehed b'leggerezza mill-partijiet. *Hostile aggressive parenting* hija meqjusa bhala forma ta' abbuz li teffettwa lill-minuri fl-isferi kollha ta' hajjithom u fl-izvilupp taghhom, u mhux biss fir-relazzjoni taghhom ma' ommhom.

[24] Supra
[25] Fol 277

"Sabiex wiehed jifhem il-kumplessita' u l-gravita' ta' dak li ulied il-partijiet sofrew u qed isofru minn ***hostile aggressive parenting*** tajjeb li tali agir jigi dettajatament definit. Bit-tama, forsi pozittiva zzejjed, li dan l-ezercizzju jista' jservi ta' 'wake up call' ghal genituri ohra li jinstabu ghaddejjin minn taqlib simili:-

> ""***Hostile Aggressive Parenting (HAP)***[26] *is defined as : A general pattern of behaviour, manipulation, actions or decision-making of a person (usually a parent or guardian) that either directly or indirectly; 1) creates undue difficulties or interferences in the relationship of a child with another person (usually a parent or guardian) involved with the parenting and/or rearing of the child and/or, 2) promotes or maintains an unwarranted unfairness or inequality in the parenting arrangements between a child's parents and/or guardians and/or, 3) promotes ongoing and unnecessary conflict between parents and/or guardians which adversely affects the parenting, well-being and rearing of a child.*
>
> *"Hostile-Aggressive Parenting is most apparent in child-custody disputes and is* ***used most often as a tool to align the child with one of the parents during litigation over custody or control of the child.*** *However, HAP can be present in almost any situation where two or more people involved in a child's life are at odds with each other over how a child may be raised or influenced by the parties. HAP can be present to some extent even when couples are still living together.*
>
> *"Although Hostile-Aggressive Parenting is often confused with Parental Alienation Syndrome (PAS), a term coined by Dr. Richard Gardner, HAP and PAS are not the same. HAP refers to the behaviours, actions and decisions of a person, whereas, PAS relates to the psychological condition of the child.* ***In the vast majority of cases HAP is the cause of PAS.***
>
> *"Hostile-Aggressive Parenting is not limited to the biological parents but also applies to any guardian - grandparents, extended family members, daycare providers and to any other person who may be involved in caring and rearing of a child. In some cases, it may even involve a parent in dispute with the child's grandparents, sometimes the parent's very own parent! Any form of interference to a normal, healthy relationship between a child and a person (most often one of the parents) caused by another person or agency having some control or influence over the child, is wrong and* ***ultimately causes emotional and psychological harm to the child.*** *Throughout this document the word "parent" shall be considered synonymous with "guardian".*
>
> *"Hostile-Aggressive Parenting is a* ***very serious and damaging form of abuse and maltreatment*** *that parents and even other family members can engage in. HAP is most often identified in individuals with controlling and bullying personalities or those with mild to severe personality disorders. HAP can be a factor in all types of parenting arrangements including sole maternal custody, sole paternal custody and joint custody. Interestingly, it is sole custodial parents who are most*

---

[26] http://hostile-aggressive-parenting.com/what_is_hostile_aggressive_parenting.asp [3/10/2016]

> *often reported to practice Hostile-Aggressive-Parenting, especially in its most severe form.*
>
> *"In general, parents exhibiting Hostile-Aggressive-Parenting have not succeeded in getting on with their own life and remain, instead, controlled by their negative emotions and continue to exercise power and control over their ex-spouse's life, their ex-spouse's parenting and to a large extent, over the children of the relationship as well.* ***HAP parents will blame everyone else except themselves.***
>
> *"High degrees of conflict during custody settlements and litigation are almost sure signs in these affected families. Hostile-aggressive parents are unable to appreciate the needs of their child and in many cases view their child as a possession belonging to them and no other persons have any right to the child, especially not the child's other parent or other persons that the HAP parent does not like. Hostile-aggressive parents will* ***use the child as a weapon against the other spouse and family members*** *whenever they have the opportunity. A parent engaged in Hostile-Aggressive Parenting will also take comfort in that the community in general will choose not to get involved, probably because they don't know what to do. Angry and vindictive HAP parents are often able to bring a reign of terror and revenge on to a non-custodial parent and their family, their goal being to get them out of the child's life or at the very least to severely damage their child's relationship with the other parent and other parent's family.*
>
> *"Hostile-Aggressive Parenting is considered by many health care and legal experts unhealthy, anti-social,* ***abusive behaviour*** *which is* ***emotionally damaging*** *and* ***contrary interest of a child****. Simply stated, it is dysfunctional parenting,****emotional child abuse*** *parent who is the target of Hostile-Aggressive Parenting, a form of discrimination*."

"Il-Qorti tinnota wkoll illi tul il-kors ta' dawn il-proceduri, kienu bosta d-drabi li fihom iz-zewg partijiet hallew l-animozita' u r-rizentiment ta' bejniethom jipprevalu fuq is-sens komun u fuq dak li l-ahjar interess tat-tfal kien jiddetta. Dan sar mhux biss fl-atteggjament taghhom mat-tfal direttament izda wkoll billi nvestew l-energija taghhom f'bosta rikorsi, rapporti tal-Pulizija u inizzjattivi distruttivi minflok indirizzaw l-iskonfort psikologiku u fiziku li kienu u ghadhom ghaddejjin minnu t-tfal taghhom.

"Il-Qorti kellha quddiemha wkoll bosta allegazzjonijiet ta' swat da parti tal-omm fuq it-tfal, b'mod partikolari fuq it-tifel Gareth. Abbazi tal-provi migjuba quddiemha, l-Qorti ma tistax teskludi li l-omm f'xi okkazjonijiet u anke b'konsegwenza tal-atteggjament ostili li tircievi minn uliedha, seta` kellha episodji aggressivi fil-konfront taghhom. Dan jinghad ghaliex dawn l-allegazzjonijiet zdiedu wara li t-tfal bdew jghixu ma' missierhom. Din il-Qorti pero` lanqas ma tista` tinjora fl-ewwel lok il-fatt illi t-tifel Gareth biddel il-verzjonijiet tieghu dwar ommu f'okkazjonijiet ohra, u fit-tieni lok il-fatt li l-missier qatt ma ha proceduri ezekuttivi kontra l-attrici f'dan ir-rigward.

"Il-Qorti rat ukoll is-sentenza tat-Tribunal Ekklesjastiku illi ppronunzjat l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet, li ghalkemm sub-iudice, kkonkluda illi l-

attrici tbati minn *Generalized Anxiety Disorder* abbazi ta' perizja redatta quddiemu. Il-Qorti tqis pero` li dan ma jfissirx illi l-omm ma hijiex kapaci tiehu hsieb lil uliedha, tant hu hekk li ebda espert f'dawn il-proceduri ma wasal ghal din il-konkluzjoni. Ghalhekk hija tal-fehma li z-zewg genituri huma kapaci li jkollhom il-kura u l-kustodja ta' wliedhom.

“Kienu bosta d-drabi li fihom din il-Qorti widdbet lill-partijiet u ddeplorat l-agir taghhom, izda sfortunatament, ghalkemm f'certu mumenti kien hemm sinjal ta' titjieb kemm fl-atteggjament taghhom kif ukoll f'dak tal-minuri, dan it-titjieb kien *short-lived*, ghaliex is-sitwazzjoni rribaltat ruhha u mill-ahhar informazzjoni li ghandha quddiemha l-Qorti, s-sitwazzjoni ghadha wahda infelici kemm bejn il-partijiet kif ukoll fl-atteggjament tat-tfal lejn l-attrici.

“Il-Qorti qieset ukoll il-fatt illi mistoqsija dwar ir-raguni ghaliex ma jridux jaraw lil ommhom, filwaqt li t-tifel Gareth jghid li jhoss li din ma hijiex ommu, it-tifla Gretha ma tatiex raguni ghal dan, indikazzjoni tal-fatt li hija tigi influwenzata ferm minn huha l-kbir fl-atteggjament negattiv li ghandha lejn ommha.

“Din il-Qorti fliet l-atti processwali voluminuzi, ix-xhieda li nghatat, id-diversi rapporti minn nies professjonali u kompetenti in materja, kif ukoll id-diversi rikorsi u noti sottomessi mill-istess partijiet. Il-Qorti tqies ta’ importanza primarja li tohloq bilanc fejn ix-xewqat tal-minuri jigu rispettati u fl-istess hin l-ahjar interess taghhom jigi salvagwardjat. Hija ghalhekk konvinta li f'dan l-istadju, l-interess suprem taz-zewg minuri Gareth u Gretha, anke bi preparazzjoni ghal adolexxenza sana, jiddetta illi l-kura u l-kustodja ta' Gareth ghandha tigi assenjata lill-konvenut, filwaqt li l-kura u l-kustodja ta' Gretha ghandha tigi fdatha f'idejn l-attrici. Dan qed jigi deciz f'tentattiv estrem sabiex il-partijiet ikunu jistghu jahdmu individwalment fuq ir-relazzjoni taghhom maz-zewg uliedhom, kif ukoll sabiex il-minuri Gretha tiddistakka ruhha mill-influwenza qawwija li ghandu fuqha huha Gareth, illi tidher illi hija r-raguni principali tar-relazzjoni xejn tajba illi hija ghandha prezentement ma' ommha.

“In kwantu jirrizulta illi l-bzonn ta' ghajnuna urgenti ghaz-zewg genituri halli huma jkunu jistghu jifhmu ahjar il-bzonnijiet ta' uliedhom u jirrispondu ahjar ghalihom[27], ghadu hemm, il-Qorti qeghdha tordna wkoll illi iz-zewg partijiet flimkien mal-minuri Gareth u Gretha jattendu ghal sessjonijiet ta’ terapija ghand il-**Psikoterapista Marika Busietta** a spejjez taz-zewg partijiet. Il-psikoterapista ghandha tfassal u tattwa pjan ta’ terapija ghall-familja, sabiex issahhah ir-relazzjoni bejn il-minuri u ommhom, kif ukoll sabiex tghin lill-partijiet jikkontrollaw l-emozzjonijiet fil-konfront ta' xulxin sabiex ma jkomplux jinfluwenzaw lil uliedhom b'mod negattiv. Il-psikoterapista hekk nominata ghandha thejji rapport dwar l-andament familjari taghhom fi zmien sitt xhur mid-data ta' l-ewwel inkontru.

[27] Vide rapport tal-Perita Psikologa Ms Carmen Sammut a fol 197

"Il-Qorti tqis illi jkun ta' beneficcju ghaz-zewg minuri jekk ikollhom hin u spazju flimkien 'il boghod miz-zewg genituri taghhom. Il-Qorti tqis li tali hin ghandu jkun salutari ghaz-zewg minuri senjati b'mod tant negattiv mill-influwenza negattiva li z-zewg genituri kellhom fuqhom. Fl-istess hin ma jirrizultawx l-estremi sabiex il-Qorti tiddeciedi li z-zewg minuri jew xi hadd minnhom ma jkollux ebda kuntatt ma' genituri b'mod permanenti. Una volta ma jirrizultawx l-estremi li jwaslu ghal soluzzjoni tant estrema, il-Qorti hi tal-fehma illi iz-zewg minuri ghandhom izommu kuntatt mal-genituri li mieghu jew maghha ma jkunux qed jirrisjedu.

"Ghaldaqstant il-Qorti qeghdha tiddeciedi illi iz-zewgt itfal, ghalissa taht is-supervizzjoni tal-Agenzija Appogg, ghandhom iqattghu hin flimkien fl-assenza taz-zewg genituri taghhom kull nhar ta' Sibt bejn l-10.00am u s-2.00pm u dan a spejjez taz-zewg partijiet.

"Inoltre qed tiddeciedi illi alternattivament mis-Sibt fis-6.00pm sal-Hadd fis-6.00pm darba Gareth jaghmel sleep over ghand ommu meta allura jgawdi wkoll il-kumpanija ta' ohtu, u l-gimgha ta' wara l-minuri Gretha taghmel sleep over ghand missierha meta allura tgawdi wkoll il-kumpanija ta' huwha.

"Il-Qorti tavza lill-genituri illi mhiex ser tittollera ksur ta' din l-ordni. Din id-decizzjoni ghandha tigi f'kaz ta' htiega enforzata mill-Marixxalli tal-Qorti bl-assitenza tal-haddiema socjali mill-Agenzija Appogg u mill-ufficjali tal-Korp tal-Pulizija..

"Il-Qorti tordna illi l-iskejjel fejn jattendu z-zewg minuri ghandhom jinformaw liz-zewg genituri b'dak kollu li jirrigwarda liz-zewg minuri u dan b'mod separat.

"Il-Qorti ma waslitx ghal din id-decizjoni b'leggerezza, u ghalkemm l-unita` familjari hija priorita` fil-hidma taghha, jezistu cirkostanzi, bhal ma hu l-kaz odjern, fejn l-unita` fizika taz-zewg ahwa ma tkunx necessarjament l-ahjar triq ghall-izvilupp psikologiku u emozzjonali taghhom f'dan l-istadju partikolari ta' hajjithom.

"Il-Qorti tittama illi wara din id-decizzjoni z-zewg genituri jaqilbu pagna gdida fil-hajja rispettiva taghhom u jagixxu b'mod responsabbli fil-konfront ta' xulxin u b'rispett lejn id-drittijiet ta' uliedhom minuri.

**"Manteniment**

"Waqt l-udjenza tal-25 ta' Frar 2015 xehed Karl Spiteri li huwa l-head tal-customer service centre li tahdem fih l-attrici jghid li hi tahdem 30 hour week b'mod flessibbli, u jipprezenta Dok KS1 li huwa dokumenti relatati mas-salarji tal-attrici mis-sena 2007 sas-sena 2015. Jirrizulta illi fis-sena 2014, l-izjed sena recenti li dwarha giet ipprezentata dokumentazzjoni, l-attrici kellha paga netta ammontanti ghal madwar €14,368.14. Da parti tieghu il-konvenut jissottometti nota datata 14 ta' Ottubru 2014 li permezz taghha jiddikjara d-dhul tieghu. Skont l-FS3 l-

aktar recenti (Dok MZ3 a fol 387), fis-sena 2013 huwa kellu dhul nett ta' €17,092.69. Minn dan jirrizulta li z-zewg partijiet jahdmu u ghandhom introjtu regolari.

“In vista tal-applikazzjoni tal-Artiklu 48 kontra t-tnejn li huma, din il-Qorti tiddeciedi li ebda manteniment ma hu dovut bejn il-partijiet. Fir-rigward tat-tfal minuri, in vista tad-decizjoni taghha dwar il-kura u l-kustodja u l-konsegwenti residenza tal-minuri, u tenut kont li l-pizjiet li ser ikunu qed igorru l-partijiet huma relattivament simili, f'dan l-istadju ma hija ser tistabilixxi ebda retta alimentari dovuta minn xi parti lill-ohra ghall-manteniment taz-zewgt itfal minuri. Kull parti ghandha thallas l-ispejjez relattivi ghall-minuri li jirrisjedi maghha, hlief ghal dawk straordinarji li jistghu jinqalghu fir-rigward ta' sahha illi ghandhom jigu sopportati miz-zewg genituri fi kwoti indaqs. Ghalhekk apparti spejjez straordinarji ta’ sahha, il-kumplament tal-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-genitur li mieghu jew maghha l-minuri qed jirrisjedi jew tirrisjedi.

“Il-Qorti kkunsidrat ukoll il-fatt illi skont id-digriet taghha tal-1 ta' Gunju 2015, il-konvenut qieghed jippercepixxi c-children's allowance taz-zewg minuri fl-intier tieghu. In vista tad-decizjoni taghha dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri, tordna illi filwaqt li l-attrici ghandha tibda tippercepixxi c-children's allowance tal-minuri Gretha, l-konvenut ghandu jibqa` jippercepixxi c-children's allowance relattiv ghal minuri Gareth.

**“Dar Matrimonjali – 154, San Lorenzo, Triq il-Forga, Naxxar**

“Jirrizulta mill-kuntratt ta' akkwist in atti[28] illi d-dar matrimonjali, l-fond 154, Triq il-Forga, Naxxar inxtara mill-partijiet fit-8 ta' Frar 2002 in kwantu ghal 1/5 mill-konvenut u 4/5 mill-attrici. Il-konvenut jikkontendi illi huma xtrawh nofs bin-nofs izda tnizzel hekk biss ghaliex l-attrici kienet tikkwalifika ghal rata ta' imghax preferenzjali fuq il-home loan. Mix-xhieda ta' Ray Debattista tas-7 ta' Ottubru 2015, irrizulta illi huwa minnu illi l-impjegati tal-BOV ghandhom rata preferenzjali fuq il-home loan, u li dan l-entitlement ma jistax jeccedi 90% tas-sehem tal-impjegat tal-valur tal-propjeta`.

“Jirrizulta wkoll, kif sottomess mill-attur, illi fil-konvenju[29], ma ssemma` xejn dwar il-fatt illi l-partijiet kellhom jixtru l-fond f'ishma differenti. Tiehu hawnhekk xejra iktar veritiera x-xhieda tal-konvenut meta jghid li l-attrici, bhala impjegata tal-Bank, kienet hadmet flimkien mal-manager taghha ta' dak iz-zmien, l-akbar ammont li setghet tiehu skont is-salarju taghha u kien hekk li waslu ghall-ishma 4/5 u 1/5.

“Indikazzjoni ohra hija l-fatt li l-loans kienu mehudin konguntament, u skont kif jixhed il-konvenut, meta huwa kien qieghed jisborsa l-flus fit-tlestija tal-fond u fix-xogholijiet, kienet l-attrici li kienet qed tassumi r-

[28] Fol 1564
[29] Fol 1559

ripagamenti, filwaqt li wara z-zwieg, jirrizulta illi kien hemm perijodi, anke fil-mori ta' dawn il-proceduri, meta ir-ripagamenti kienu qed isiru mill-konvenut wahdu. Jirrizulta ghalhekk li l-partijiet qatt ma ghamlu distinzjoni ta' ishma fil-pagamenti tal-loan fuq il-fond in kwistjoni. Fil-mori ta' dawn il-proceduri, jirrizulta inkontestat illi sal-bidu tas-sena 2013, il-loan tad-dar kien qieghed jithallas unikament mill-konvenut, imbaghad kif tissottometti l-attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, bdiet thallas nofs il-pagament dovut biex b'hekk sar jithallas nofs bin-nofs bejn il-partijiet.[30]

“Pacifiku wkoll huwa l-fatt li z-zewg partijiet, kemm qabel iz-zwieg kif ukoll wara z-zwieg hargu pagamenti ghal xogholijiet u ghamara, anke bl-ghajnuna tal-ginituri rispettivi taghhom. Dejjem qabel iz-zwieg, il-konvenut kien hallas ghal xogholijiet li saru fid-dar, u li, skont dok JC1 li huma *cheque images* ipprezentat mill-konvenut (fol 1675 et seq) jammontaw komplessivament ghal somma sostanzjali, li akkrexxew l-immobbli. Dan ma kienx jaghmel sens li kieku l-konvenut ma kienx konvint li d-dar kienet giet akkwistata f’ isimha ndaqs, u dan seta’ jsir biss bi ftehim bejn iz-zewg partijiet pre ordinat ghall-kuntratt.

“Din il-Qorti tikkunsidera l-verzjoni moghtija mill-konvenut aktar verosimili u aktar konfacenti mal-provi, minn dik moghtija mill-attrici. Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li ghalkemm il-kuntratt ta' akkwist juri mod iehor, il-ftehim espress bejn il-partijiet kien illi l-fond matrimonjali jinxtara bejniethom fi kwoti ugwali. Ghalhekk il-Qorti qed tiddeciedi illi fid-divizzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet il-fond 154, Triq il-Forga, Naxxar ghandu jitqies bhala proprjeta’ taz-zewg partijiet fi kwota ta’ nofs indiviz kull wiehed.

“Jirrizulta  inkontestat illi l-valur tal-fond huwa ta' €175,000.[31] Ghalhekk, din il-Qorti tordna li fi zmien sitt xhur l-fond matrimonjali jitpogga fis-suq hieles ghall-prezz ta' €175,000. Kull parti tkun libera li wara l-iskadenza ta' sena minghajr ma jsir il-bejgh, titlob il-Qorti sabiex il-fond jinbiegh bis-subbasta. Ir-rikavat, wara li jithallsu minnu d-djun u l-krediti gravanti l-komunjoni ta' l-akkwisti u kwalsiasi spejjez in konnessjoni mal-bejgh, jigi diviz fi kwoti wgwali bejn il-partijiet.

“Illi l-attrici, filwaqt li qed tinghata d-dritt li tkompli tabita fil-fond in kwistjoni ad eskluzjoni tal-konvenut ghal zmien sitt xhur, qed tigi ordnata, permezz tal-gudizzju odjern, sabiex gheluq dan iz-zmien hija tivvaka dan il-fond taht penali ta’ hames mitt ewro (€500) kuljum a favur il-konvenut

**“Komunjoni tal-Akkwisti u Beni Parafernali**

*“Ghamara u Mobbli*

[30] Vide wkoll kontro-ezami tal-konvenut tal-25 ta' Frar 2015

[31] Vide stima tal-Perit Wilfred Debattista pprezentata mill-konvenuta a fol 937.

“Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha l-attrici telenka bhala parafernali taghha pjanu u l-inkwatru tal-anglu u d-dota tal-bjankerija u borom. Dawn qeghdin jigu assenjati lill-istess attrici.

“L-attrici tissottometti wkoll illi parafernali tal-konvenut huma l-Grandfather's clock u zewg kolonni tal-irham moghtija minn zijuh. Dawn qed jigu assenjati lill-konvenut.

“Dwar l-ghamara u oggetti ohra mobbli li jinsabu gewwa d-dar matrimonjali, l-Qorti tordna li dawn l-oggetti jinqasmu bi ftehim bejn il-partijiet. Jekk ma jaqblux dwar kif ghandhom jigu divizi l-mobbli, il-partijiet ghandhom jitolbu in-nomina ta’ stimatur sabiex jaghti valur lill-mobbli rimanenti, jigu divizi f’zewg porzjonijiet kemm jista’ jkun indaqs, u l-assenjazzjoni taghhom ssir permezz ta’ polza.

*“Vetturi*

“Jirrizulta qbil bejn il-partijiet illi l-vettura Polo Classic kienet parafernali tal-attrici, filwaqt li l-vetturi tat-tip Seat Ibiza u BMW kienu parafernali tal-konvenut. Dawn il-vetturi parafernali nbieghu fiz-zwieg u nxtraw Toyota Spacio ghall-uzu tal-attrici u Daihatsu Sirloin ghall-uzu tal-konvenut.

“Tirrizulta nkontestata s-sottomissjoni tal-konvenut illi l-vettura parafernali tieghu BMW nbieghet fiz-zwieg ghal-prezz ta' Lm4000, il-vettura Seat Ibiza nbieghet fiz-zwieg ghall-prezz ta' Lm700, filwaqt li l-vettura Polo Classic tal-attrici nbieghet fiz-zwieg ghall-prezz ta' Lm2000. Dan ifisser illi l-attrici u l-konvenut ghandhom rispettivament kreditu ta' €4658.75 (gja Lm2000) u €10,948.07 (gja Lm4700) fuq l-assi tal-komunjoni.

“Id-Daihatsu Sirloin qed tigi assenjata lill-konvenut, filwaqt li t-Toyota Spacio, jew kwalsiasi ammont rilaxxat mill-kumpanija assiguratrici Fogg Insurance Limited rapprezentanti l-kumpens ghall-hsarat sofferti fuq il-vettura, qieghed jigi assenjat lill-attrici, biex b'hekk qed jigi deciz il-mertu tar-rikors tal-attrici datat 26 ta' Gunju 2013.

*“Kontijiet Bankarji u Poloz ta' Assigurazzjoni*

“Waqt is-seduti quddiem il-Perit Legali xehdu bosta rapprezentanti tal-banek u rrizulta illi l-partijiet ghandhom kontijiet kongunti kemm mal-HSBC kif ukoll mal-BOV, l-attrici ghandha kontijiet personali mal-BOV, filwaqt li l-konvenut ghandu kontijiet fuq ismu maz-zewg banek.[32]

“Rigward il-bilanci jidher li dawn huma nominali. Hemm ukoll djun kemm fuq isem iz-zewg partijiet b'mod kongunt, kif ukoll personalment. Il-Qorti qed tordna illi kull parti tigi assenjata l-kontenut tal-kontijiet bankarji li jinsabu fuq isimhom illum, filwaqt dawk li jinsabu f’kontijiet

[32] Vide inter alia dokumentazzjoni a fol 1114 et seq, fol 1390 et seq, fol 1675 et seq

*joint* ghandhom jinqasmu f'sehem ugwali bejn il-partijiet. Id-djun mal-Bank li jsejjhu lil parti minnhom ghandhom jigu assorbiti minn dik il-parti, filwaqt li d-dejn f'isem il-partijiet b'mod kongunt ghandu jigi mhallas miz-zewg partijiet f'sehem ugwali, inkluz il-*home loan.* Kwalsiasi polza ta' assigurazzjoni relattiva ghall-fond matrimonjali ghandha wkoll tigi sopportata b'mod ugwali bejn il-partijiet.

"Rigward poloz ta' assigurazzjoni ohra li ma jirrigwardawx il-fond matrimonjali, dawn ghandhom jigu assenjati lil dik il-parti li f'isimha tkun il-polza.

"Rigward il-polza ta' investiment ghat-tfal *Global Capital Baby Plan*[33], din ghandha tibqa` fuq isem iz-zewg partijiet u tigi amministrata miz-zewg partijiet b'mod kongunt fl-ahjar interess taz-zewg minuri uliedhom."

## L-Appell

8. B'rikors ipprezentat fit-12 ta' Dicembru 2016 il-konvenut appella mis-sentenza appellata, li ghalieh l-attrici rrispondiet b'risposta prezentata fit-13 ta' Jannar 2017.

9. Huwa jibbaza l-appell tieghu fuq sitt aggravji li jirrigwardaw is-segwenti: [1] il-htija ghas-separazzjoni, [2] il-kura u kustodja tal-minuri u l-access relattiv, [3] il-manteniment ghall-ulied minuri, [4] is-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 48 tal-Kodici Civili, [5] il-kommunjoni tal-akkwisti u, [6] l-ispejjez gudizzjarji.

10. Abbazi tal-premess, il-konvenut qed jitlob li s-sentenza appellata tigi riformata fid-dawl tal-aggravji tieghu, bl-ispejjez taz-zewg istanzi jkunu a karigu tal-attrici.

[33] Vide Dok M19 a fol 977

11. Min-naha taghha l-attrici qed titlob li, ghar-ragunijiet indikati minnha fir-risposta taghha, l-appell tal-konvenut jigi michud.

**L-Aggravji**

*L-Ewwel Aggravju*

12. Dan l-aggravju jirrigwarda l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti li wassal sabiex dik il-Qorti tattribwixxi t-tort tas-separazzjoni liz-zewg partijiet fi kwoti ugwali[34]. Il-konvenut jikkontendi li hu m'ghandu ebda htija ghas-separazzjoni u li t-tort tal-firda jirrisjedi kompletament fuq l-attrici li, tenut kont tal-instabbilita` mentali taghha, hija rrendiet il-konvivenza matrimonjali insapportabbli ghall-konvenut.

13. Il-konvenut jibda billi jaghmel referenza ghas-sentenza moghtija mit-Tribunal Ekklezjastiku[35] fejn gie kkunsidrat u deciz li l-attrici ma kellhiex id-diskrezzjoni necessarja sabiex tidhol fiz-zwieg abbazi tal-inabilita` taghha li tassumi l-obbligi maritali fiz-zwieg minhabba li rrizulta li tbati mid-dizordni fil-personalita` taghha, identifikata bhala *Generalized Anxiety Disorder*.

14. Jghid li, rizultat ta' dik il-kundizzjoni konstatata mill-espert nominat fit-Tribunal Ekklezjastiku fl-ewwel istanza, l-attrici *"immanifestat ruhha*

---

[34] Dan jirrizulta mill-fatt li l-Ewwel Qorti ddecidiet li l-ispejjez tal-kawza jinqasmu b'mod ugwali bejn il-partijiet.
[35] L-ewwel istanza

*bhala persuna suspettuza, paranoika, tghix f'deluzjonijiet u instabbilita` kbira specjalment fejn jidhlu t-tfal minuri."*

15. Sussegwentement huwa jsemmi cirkostanzi ta' fatt li jsahhu din it-tezi tieghu. Jissenjala li qabel it-tieg kien jidher li l-attrici kienet miggielda mal-familja taghha, filwaqt li *"ezatti wara t-tieg il-folja nbiddlet f'daqqa wahda",* is-suspetti u l-paranoja tal-attrici bdew jigu diretti lejh u lejn il-familja tieghu. Isostni li *"minn dakinhar tat-tieg il-hajja matrimonjali bejniethom saret infern minhabba s-suspetti u l-paranoja bla bazi...".* Jispjega li s-suspetti tal-attrici fil-konfront tieghu aggravaw bit-twelid tat-tfal, specjalment tat-tifel Gareth, tant li l-konvenut kien beda jorqod fuq is-sufan ghaliex, skont hu, safa' imkecci mis-sodda matrimonjali mill-attrici. Jirrakkonta kif darba *"out of the blues inizzjat attivitajiet intimi li wasslu ghat-twelid ta' Gretha."*

16. Il-konvenut isostni li l-konvivezna matrimonjali tant saret impossibbli ghalih li kellu jallontana ruhu mid-dar konjugali *"wara incident li l-appellanti kkrejat hi nnifisha fejn allegat li l-esponent kien vjolenti fuqha...".* Huwa ma jaqbilx mal-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti meta osservat li l-partijiet imtlew rizentiment kontra xulxin u bdew jimmanifestaw dan ir-rizentiment b'aggressivita`, rabja u glied fil-konfront ta' xulxin u tal-membri familjari rispettivi. Il-konvenut isostni li hu m'ghandu l-ebda rizentiment lejn l-attrici u *"fil-fatt huwa dejjem*

*ipprova jghinha personalment u jghinha biex tibni relazzjoni ma' uliedha specjalment ma' binha Gareth."* Jenfasizza li l-attrici *"agixxiet kif agixxit minhabba l-kundizzjoni taghha liema kundizzjoni qatt ma hadet kura ghaliha."*

17. Min-naha taghha, l-attrici tissenjala: li s-sentenza tat-Tribunal Ekklezjastiku tal-ewwel istanza mhijiex finali u hemm appell pendenti quddiem it-tribunal tat-tieni istanza; li l-istess tribunal sab anomaliji serji anke fil-personalita` tal-konvenut; li l-attrici tichad li hi tbati minn xi kundizzjoni serja kif qed jipprova jpingi l-konvenut, u tichad ukoll li kienet tikkonsuma hafna alkahol. Tant dan mhux minnu li hi ilha impjegata ma' bank lokali ghal circa 20 sena.

**<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>**

18. Din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni li s-sentenza finali tat-Tribunal Regjonali [it-tieni istanza] ghadha ma gietx registrata b'digriet ta' din il-Qorti a tenur tal-artikoli precitati, izda, tenut kont li l-konvenut qed jibbaza l-allegazzjonijiet tieghu fil-konfront tal-attrici fuq dak konstatat mill-esperti psikologi tat-Tribunal Metropolitan [l-ewwel istanza] u fuq dak deciz mill-istess tribunal, huwa opportun u gust ghall-attrici li jigi senjalat li, skont is-sentenza moghtija mit-tribunal tat-tieni istanza dak it-tribunal attribwixxa n-nullita` taz-zwieg anke ghal nuqqasijiet da parti tal-konvenut. L-istess osservat li skont ir-rapport tal-esperti, il-konvenut,

allura Petitioner, kellu *"clearly an incapacity that made it impossible for the Petitioner to enter into an intimate relationship and give himself totally in marriage."* Di fatti dan it-tribunal impona l-*vetitum* anke fuq il-konvenut.

19. Ferm il-premess din il-Qorti tosserva li dan l-aggravju huwa bbazat fuq l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti dwar il-htija ghas-separazzjoni, li attribwiet din il-htija liz-zewg partijiet. Il-konvenut isostni li l-htija tirrisjedi unikament fuq l-attriċi. Fir-rigward tal-materja tal-apprezzament tal-provi din il-Qorti tirribadixxi[36] illi:

> "… … … li inkwantu l-aggravji tal-attrici huma ccentrati fuq l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti, jkun opportun illi jigi ribadit illi din il-Qorti bhala qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-prim istanza, hlief meta l-apprezzament tal-provi tkun manifestament zbaljat jew ghax ikun hemm ragunijiet serji [App.C. **Emanuel Cardona et v. Dr. Graham Busuttil et** 10/01/1995]. Dan ma jsirx *"sakemm l-appellant – ghax fuqu trid tinkombi l-prova – ma jissodisfahiex li kien hemm ragunijiet validi bizzejjed biex jitfghu dubju ragjonevoli fuq il-gustizzja ta' apprezzament ta' provi li ghamlet l-ewwel Qorti u li konsegwentement jekk ma tintervjenix biex tvarja l-konkluzjonijiet taghha, tkun ser tigi kommessa ngustizzja manifesta"* [App.C. **Paul Formosa v. Salvu Debono** deciza 5/10/2001]
>
> "Din il-Qorti pero` tapprezza wkoll li xorta hu d-dover taghha li tezamina sewwa l-provi mressqa u barra minn hekk, huwa wkoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti inkwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skond il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar recenti u kostanti fil-materia." [*App.* **Attard v. Direttur tas-Sahha**, *31 Mejju 2014, riprodotta b'approvazzjoni fil-kawza App.S* **Joseph John Parnis v. Mary Parnis**, *31 Ottubru 2014]*

20. Din il-Qorti wara analizi tal-fatti, tissenjala li hemm diversi fatturi u elementi ta' prova li juru komportament abbuziv waqt il-konvivenza

[36] App.S 47/06 **Therese Pace v. Camela Borg**, 18 Lulju 2017

matrimonjali da parti tal-konvenut fil-konfront tal-attrici. Fl-affidavit taghha l-attrici tghid li l-konvenut: kien ikun aggressiv maghha u kien jisfoga billi jkisser affarijiet tad-dar; li l-att taz-zwieg b'mod normali kien sar rarissimu sakemm eventwalment il-konvenut bired ghal kollox; wara t-twelid tat-tifel huwa ma baqax jorqod maghha u kien beda jorqod fuq is-sufan; f'okkazzjonijiet kienet qabditu jara l-films pornografici u hu kien jirreagixxi b'mod aggressiv u vjolenti maghha; kien jghajjarha mignuna u jheddidha li ser johdilha t-tfal; wara t-twelid tat-tifla huwa kien esprima d-dubju dwar il-paternita` tat-tifla u ried jaghmel it-*test* tad-DNA, izda ghalkemm saru l-appuntamenti necessarji sabiex dan isir huwa spicca ma marx bir-rizultat li t-*test* baqa' ma sarx; kien ihalliha nieqsa mill-flus, tant li kienet iddur fuq il-genituri taghha ghall-ghajnuna finanzjarja sabiex tlahhaq mal-bzonnijiet tal-familja. Ukoll, eventwalment kien jghawwi lit-tfal kontra taghha. F'dan ir-rigward ix-xhieda tal-attrici f'diversi aspetti ssib konfort fix-xhieda tal-genituri taghha.

21. Dawn il-fatturi jikkostitwixxu raguni valida ghas-separazzjoni fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili. Uhud minn dawn ic-cirkostanzi jikkostitwixxu sevizzi ai termini tal-imsemmi artikolu, filwaqt li l-prova dwar id-dubju dwar il-paternita` tat-tifla espress mill-konvenut li imbaghad ma marx ghat-tehid tal-kampjun tad-demm, jikkostitwixxi ingurja gravi fil-konfront tal-attrici a tenur tal-istess artikolu.

22. Ghalhekk din il-Qorti tosserva li kien hemm diversi fatturi li abbazi taghhom l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, senjatament li ghas-separazzjoni kien jahti wkoll il-konvenut u din il-Qorti fic-cirkostanzi ma tara ebda raguni valida ghaliex ghandha tvarja d-diskrezzjoni kif ezercitata minn dik il-Qorti.

23. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

*It-Tieni Aggravju*

24. Dan huwa dirett lejn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti fdat lill-attrici [l-omm] il-kura u kustoda tat-tifla Gretha filwaqt li fdat lit-tifel Gareth lill-konvenut [il-missier], b'access rispettiv favur il-partijiet.

25. Il-missier qed jitlob li s-sentenza appellata tigi riformata fis-sens li anke l-kura u kustodja tat-tifla Gretha tigi fdata lilu b'"access adegwat" favur l-omm li ghandu jkollha access ghat-tifla darba fil-gimgha b'supervizjoni minghajr *sleepovers*.

26. Fir-rikors tieghu l-missier jaghmel diversi allegazzjonijiet negattivi fil-konfront tal-omm u jirreferi ghall-kundizzjoni ta' *Generalized Anxiety Disorder* li skont l-esperti inkarigati mit-Tribunal Metropolitan tbati minnu

l-omm. Jissottometti li l-omm ghandha bzonn kura sabiex tibni relazzjoni mat-tfal.

27. Din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni li minn dak li rrizulta mis-sentenza tat-Tribunal Regjonali, kundizzjoni fil-personalita` tal-omm li l-missier jattribwixxi lilha jezisti wkoll ghalkemm f'forma forsi differenti, fil-konfront tieghu u ghalhekk, anke hu ghandu bzonn jindirizza dan in-nuqqas tieghu li rrendih inkapaci li jassumi l-obbligi matrimonjali.

28. Rigward il-proceduri odjerni, din il-Qorti tosserva li l-kura u kustodja/l-access ghal minuri kienet il-vertenza l-aktar ikkontestata kemm b'hegga kif ukoll, sfortunatament, b'animozita` miz-zewg partijiet. Irrizulta li, filwaqt li fil-bidu tal-proceduri t-tfal kienu qed jghixu mal-omm fid-dar matrimonjali b'access favur il-missier, it-tilwim esagerat bejn il-ġenituri fuq din il-materja, spicca sabiex it-tfal jghixu mal-missier b'access supervizjonat favur l-omm. Jirrizulta bhala fatt fl-apparenza inspjegabbli kif it-tfal, li kienu kuntenti jghixu mal-omm, spiccaw sabiex eventwalment jghidu li ma jridux jiltaqghu maghha u dan minghajr raguni valida u fondata.

29. Illum it-tfal ghandhom 12-il sena u 8 snin rispettivament u l-imgieba taghhom waqt l-access mal-omm hija versatili fis-sens li filli juru li jkunu kuntenti maghha u filli, fl-istess access, jgibu ruhhom hazin sal-

grad li jkunu nkontrollabli.  Gie allegat, u l-ewwel Qorti jidher li acettat it-tezi, li f'dan il-kaz kien u ghad hemm *parental alienation* akuta li kkostringiet lit-tfal jaghmlu xelta bejn il-genituri.  Din waslet sabiex fl-apparenza ghazlu li jghixu mal-missier u fl-istess hin skartaw lil omm – fatt xejn sabih u salutari ghall-istess tfal li fil-hajja taghhom u fl-eta` li jinsabu fiha ghandhom bzonn il-prezenza u l-imhabba manifestata taz-zewg genituri.

30. Din il-Qorti tosserva li l-provi fir-rigward huma abbundanti u t-tfal gew esposti ghal diversi intervisti minn professjonisti bil-ghan li s-sitwazzjoni bejnhom u bejn ommhom terga' tkun tajba kif kienet qabel. Kemm-il darba saru allegazzjonijiet ta' swat anke mit-tfal stess da parti ta' ommhom, izda l-provi juru l-kuntrarju jigifieri li ommhom hija lesta li taghmel dak kollu possibbli sabiex ikollha relazzjoni tajba ma' uliedha t-tnejn. Dwar dan u l-imgieba tat-tfal huma relevanti hafna l-kontenut tan-nota tal-Agenzija Appogg prezentata fit-28 ta' April 2016[37] dwar l-andament tal-access mal-omm u x-xhieda[38] tas-*social worker* Ingrid Vassallo li xehedet dwar l-istess nota. Dawn huma l-elementi ta' prova l-aktar qrib id-data li fiha inghatat is-sentenza appellata u jitfghu dawl qawwi fuq is-sitwazzjoni prevalenti.

31. L-imsemmija nota fil-parti relevanti taghha taqra hekk:

[37] Vol.10 – Fol.1945
[38] Ibid – Fol.2022 – Dep.6 Gunju 2016

> "Li l-omm dejjem tipprova tohrog b'ideat differenti sabiex l-access ikun wiehed aktar pjacevoli ghall-minuri. Ghalkemm f'xi sessjonijiet il-minuri jqattghu l-hin tal-access jaraw it-*television* jew inkellha jaqbzu fuq is-sufan, matul dawn l-ahhar xhur huma qed jikkomunikaw mal-omm u anke hargu flimkien maghha.
>
> "Li meta l-minuri kellhom *sleepover* ghand l-omm fi zmien l-Ghid, il-haddiema socjali ghamlet vizita gewwa d-dar tal-omm u osservat li l-minuri dehru komdi u kuntenti mal-omm, f'dawk il-hinijiet li l-haddiema socjali kienet prezenti.
>
> "Li meta l-haddiema socjali zammet laqgha mal-minuri Gretha u Gareth gewwa l-iskola taghhom iz-zewg minuri esprimew li ma jixtiequx ikomplu jaraw lil ommhom. Il-minuri Gretha ma tat ebda raguni partikolari ghal dan, filwaqt li l-minuri Gareth spjega li hu ma jridx jaraha aktar ghax ma jhobbhiex u li ghalih hi mhix omm."

32. In-nota tkompli tghid li, filwaqt li skont l-Agenzija Appogg m'ghadx hemm htiega ta' *monitoring* tal-access l-istess agenzija rrakkomandat granet u hinijiet tal-access favur l-omm bi *sleepovers* f'okkazzjonijiet specjali bhal Jum l-Omm, il-Milied, l-Ghid il-Kbir u f' gheluq snin il-minuri u tal-omm.

33. Fix-xhieda[39] taghha il-Haddiema Socjali Ingrid Vassallo, li kienet tkun prezenti ghall-access supervizjonat u anke kienet taghmel is-*surprise visits*, tixhed dwar l-imsemmija nota u tghid is-segwenti:

> "It-tfal, ghalkemm ghadhom li kultant juzaw kliem dispreggjattiv, pero` per ezempju saru jieklu waqt l-access mal-omm, ikunu komdi, ma jiddejqux jghidulha li jridu imorru dak il-post u mhux post iehor. Jidher li l-imgieba taghhom illum 'il gurnata hija hafna ahjar milli kienet."

34. Dwar is-*sleepover* li kien hemm fi zmien l-Ghid tghid:

---

[39] 9 ta' Gunju 2016

"Dakinhar … mort jien personali u t-tfal kienu kuntentissimi ma' ommhom, jigifieri kienu jidhru li qed ihossuhom *home*, it-tifla kienet kalma tilghab bil-gugarelli taghha …. It-tifel kien kalm jitkellem anke mieghi meta sa ftit qabel lanqas lili kwazi kwazi ma ried ikellem. Jidher li b'xi mod jew iehor forsi jew il-kuntatt li kelli mas-sur Zammit jew is-*sleepover*, xi haga fl-atteggjament ta' dawn it-tfal ghen biex tkun wahda ghall-ahjar."

35. Ix-xhud tghid li wara ftit granet mill-ahhar access, kien hemm il-vizita l-iskola fit-12 ta' April 2016 u t-tfal qalu li huma ma riedux jibqghu jmorru ghand l-omm. Tissenjala li *"dak li t-tfal qalulna fl-ischool visit ma kienx jirrifletti l-imgieba tat-tfal ta' kif kienet ghaddejja".* Tispjega li r-raguni li ta t-tifel ghala ma riedx jibqa' jmur ghand ommu hi li hu ma jhossx li hi ommu, tant li jghajtilha b'isimha. It-tifla ma taghti ebda raguni. Ix-xhud tkompli tghid li t-tifel ma jaghtix raguni ghaliex ma jhossx li l-attrici ommu, tghid:

"Ma jaghtix raguni. Ikun hemm mumenti fejn vera tkun perplessa x'inhu jigri f'dawn it-tfal, ghax filli jghannquha u jilghabu u jhobbuha, u filli f'daqqa wahda ahna stess, jigifieri nkunu prezenti, u ma nistghux nispjegawha. F'daqqa wahda l-imgieba taghhom tinbidel u jibdew jghajjruha."

36. Ix-xhud tkompli tghid li r-raguni tista' tkun *parent alienation* [min-naha tal-missier].

37. Tghid ukoll dwar il-preparazzjoni tal-access da parti tal-omm:

"Preparazzjoni nahseb li tkun eccellenti, dejjem tippreparalhom x'jieklu, ghalkemm mhux dejjem facli ghax hafna drabi kienu dejjem jirrifjutaw x'jieklu nahseb li l-omm kienet dejjem kostanti u xorta tibqa' determinata li jridu jew ma jridux tippreparalhom l-ikel … … dak iz-zmien it-tifla kienet tghid li jekk Gareth ma jiekolx hi ma tikolx. It-tifla kif diga` ghidna thares hafna lejn l-imgieba ta' huha."

38. Tirrakkonta kif fil-*birthday* tat-tifel id-dar kienet imzejjna ghall-okkazzjoni, izda xorta wahda kien irrifjuta li jiekol mill-*birthday cake*, u dan minghajr ma jaghti raguni.

39. Tghid li hi kienet marret personalment sabiex tara x'inhu jigri waqt l-access xi hames darbiet, wara li l-*supervisor* kienet qaltilha li l-imgieba tat-tfal kienet inkontrollabbli u ma kinitx taf x'ser taqbad taghmel. Imbaghad wasal is-*sleepover*.

40. Tghid li kien hemm drabi meta l-omm kienet iccemplilhom u kienet anzjuza ghax hi stess ma kinitx taf kif ser tikkontrolla l-imgieba tat-tfal. Aktar tard fix-xhieda taghha, tispjega li l-agenzija kienet irrakkomandat li jieqaf il-*monitoring*:

> "Minhabba li konna qed nindunaw li t-tfal quddiemna aktar qed jaghmlu *show* u anke *in the light* li l-imgieba taghhom ovvjament trangat ukoll. L-imgieba taghhom illum hi aktar kalma."

41. Dwar l-allegazzjoni ta' swat ix-xhud tghid li:

> "... jghidu t-tfal fil-presenza taghna li ommhom gieli sawwatni, gieli qaluha fil-presenza taghna pero` ahna qatt ma rajna swat u lanqas meta morna u t-tfal qalulna sawwtitna."

42. Ix-xhud tikkonkludi hekk:

> "… nemmen li access wahedha Gretha ma' ommha, nemmen li jghin ir-relazzjoni li hemm bejniethom. Ovvjament irridu naraw Gretha kemm se tirrezistiha din ghax kwazi certa li ghall-bidu se tirrezistiha pero` li nhoss f'dawn it-tfal li jirrezistu l-ewwel ftit u mbaghad meta jidhlu f'certu rutina, f'certu stabbilita` minn hawn jew minn hemm, l-imgieba taghhom tkun ahjar u nahseb f'din it-trawma kollha li ghaddew minnha dawn it-tfal nahseb li l-istabbilita` hija xi haga krucjali."

43. Wara li din il-haddiema socjali tat ix-xhieda taghha, fis-27 ta' Gunju 2016 l-agenzija pprezentat nota fejn ingieb ghak konjizzjoni tal-Qorti li waqt l-access tal-omm tal-10 ta' Gunju 2016 meta l-omm hadet it-tfal bil-karrozza biex jmorru ic-*cinema* huma ma riedux jinzlu mill-karrozza u, meta l-haddiema socjali kellmet lil Gareth fuq il-*mobile* dan qallha li ried imur lura ghand missieru. Fl-access tal-14 ta' Gunju 2016 hekk kif il-haddiema socjali waslet ghand l-omm it-tfal kienu qeghdin bilqieghda kwieti fuq is-sufan, bl-ikel ippreparat fuq il-mejda li kellhom quddiemhom. Madanakollu hekk kif il-minuri Gretha rat lill-haddiema socjali hija bdiet taqbez fuq is-sufan u tinbex lil huha li wara ftit beda jkompli ma' ohtu billi jaqbzu fuq is-sufan, jigru wara xulxin u anke jaqbzu wiehed fuq l-iehor. Iz-zewg minuri ma bdewx igibu ruhhom sew u kien difficli li jigu kkontrollati.

44. Il-Qorti rat ukoll in-nota tal-Agenzija Appogg tat-23 ta' Ottubru 2017.

45. Din il-Qorti wara li qrat u fliet il-provi f'dan ir-rigward hija tal-konvinzjoni ferma li r-rifjut tat-tfal li jgibu ruhhom sew waqt l-access ma' ommhom, partikolarment meta tasal il-haddiema socjali, hu frott ta' *parent alienation* da parti tal-konvenut jew tal-familja tieghu fejn jirrisjedi hu mal-minuri. Mhuwiex minnu li t-tfal verament ma jridux jmorru ghand l-omm, izda l-lejalta` lejn missierhom li mieghu jirrisjedu qed iggieghelhom jgibu ruhhom hazin biex jisfrattaw l-access taghhom mal-

omm. Din il-lejalta` inapproprijata giet manifestata l-ewwel darba meta fl-incident ta' Awissu 2011 it-tifel inqabad jigdeb dwar il-griehi li l-konvenut ikkaguna lill-attrici f'wiccha meta ta l-verzjoni tal-fatti kif qallu missieru li jaghmel.

46. Din il-lejalta` inapproprijata tispjega r-reazzjoni taghhom meta fl-access tal-14 ta' Gunju huma ma riedux jinzlu mill-karrozza meta l-omm hadithom, biex jaraw film fic-*cinema.* Jispjega wkoll ghaliex meta f'okkazzjoni minnhom it-tfal kienu kwieti u kalmi izda meta tfaccat il-haddiema socjali huma bdew igibu ruhhom hazin fil-prezenza taghha. Din il-Qorti ma teskludix li inizjalment, meta t-tfal kienu jghixu mal-attrici kien hemm *parent alienation* min-naha taghha, izda llum 'il gurnata dan l-abbuz qed isir min-naha tal-konvenut li qed jimpedixxi li t-tfal milli jizviluppaw relazzjoni sana ma' ommhom.

47. L-ewwel Qorti li ghexet kwazi l-process kollu f'dan il-kaz li ilu ghaddej circa hames snin fejn il-partijiet immanifestaw animozita` kontinwa lejn xulxin, partikolarment fejn tidhol il-kura u kustodja u l-access tal-minuri, waslet ghall-konkluzjoni, fil-fehma ta' din il-Qorti, korretta li –

> "… iz-zewg genituri partijiet f'din il-kawza ghamlu l-ghalmu taghhom sabiex ibedu liz-zewg minuri mill-genitur l-iehor. Jidher li l-agir tal-missier kellu soppravvent fuq l-agir tal-omm tant li t-tifel Gareth, illi ghex aktar mill-qrib u ta' eta` ikbar il-problemi matrimonjali tal-genituri tieghu, huwa llum ostili lejn ommu b'mod oggettivament inspjegabbli. Ir-

> ragunijiet li jaghti ghal din l-ostilita` ma humiex oggettivament accettabbli li ghandhom iwasslu ghal tant agir aggressiv u distruttiv."[40]

48. L-istess Qorti, wara konsiderazzjonijiet guridici u fattwali dettaljati fir-rigward, waslet ghal konkluzjoni ghaqlija u korretta li sabiex tohloq bilanc bejn ix-xewqat tal-minuri u l-interess taghhom, billi ordnat li l-kura u kustodja ta' Gareth ghandha tigi assenjata lill-missier, filwaqt li l-kura u kustodja ta' Gretha ghandha tigi fdatha f'idejn l-omm:

> "Dan qed jigi deciz f'tentattiv estrem sabiex il-partijiet ikunu jistghu jahdmu individwalment fuq ir-relazzjoni taghhom maz-zewg uliedhom, kif ukoll sabiex il-minuri Gretha tiddistakka ruhha mill-influwenza qawwija li ghandu fuqha huha Gareth illi tidher li hija r-raguni principali tar-relazzjoni xejn tajba li hi ghandha prezentement ma' ommha."[41]

49. Din il-Qorti taqbel perfettament ma' din il-konkluzjoni u ma tarax li tezisti raguni valida li ghaliha ghandha tiddipartixxi minn din id-decizjoni tal-ewwel Qorti.

50. Dak li ma taqbilx mieghu din il-Qorti hu li jkun hemm access bi *sleepovers* u li l-access bejn l-ahwa biss ikun kull nhar ta' Sibt. Din il-Qorti hi tal-fehma li - fis-sitwazzjoni prevalenti llum u sabiex ikun jinghata spazju adegwat sabiex ir-relazzjoni bejn it-tifla u l-omm tissahhah u fl-istess hin b'tentattiv sabiex ir-relazzjoni bejn it-tifel u l-omm ma tibqax daqshekk hazina min-naha tat-tifel - iz-zewg genituri jkollhom access supervizjonat ta' tliet sieghat darba fil-gimgha ghal

[40] Sent pga.28
[41] Ibid pga.32

uliedhom, darba fil-gimgha favur il-missier ghat-tifla u darba fil-gimgha favur l-omm ghat-tifel. Fl-access iz-zewgt itfal ghandhom ikunu flimkien. Il-*monitoring* huwa importanti f'dan il-kaz sabiex tigi eliminata kull possibilita` ta' *parental alienation* da parti ta' naha u ta' ohra almenu waqt l-access. Il-granet tal-access ghandhom jigu fissati bi ftehim mal-haddiema socjali tal-Agenzija Appogg, izda fin-nuqqas ta' qbil, il-Qorti tordna li l-access ikun nhar ta' Erbgha u nhar ta' Sibt, alternattivament, jibda l-access favur l-omm is-Sibt li jmiss u l-Erbgha li jkun imiss jibda l-access favur il-missier; il-hin tal-access matul il-gimgha jkun mil-4:30pm sas-7:30pm, filwaqt li l-access tas-Sibt ikun mill-10:00am sat-3:00pm.

51. Din il-Qorti tipprovdi definittivament dwar ir-rikorsi prezentati mill-partijiet u li sa issa ghadhom pendenti fis-sens fuq stabbilit.

52. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa gustifikat in parte u din il-Qorti qed tilqghu fil-limiti tal-konsiderazzjonijiet premessi.

*It-Tielet Aggravju*

53. Dan l-aggravju jippresupponi li t-tieni aggravju jkun intlaqa' minn din il-Qorti ghax permezz tieghu l-konvenut qed jitlob li, tenut kont li huwa ser ikollu l-kura u kustodja taz-zewgt itfal, il-Qorti ghandha tiffissa ammont mensili li l-attrici ghandha thallsu bhala manteniment ghaz-zewg ulied.

54. Din il-Qorti tosserva li, ladarba t-tieni aggravju gie michud inkwantu jirrigwarda l-kura u kustodja tal-minuri Gretha, dan l-aggravju jisfa' bla bazi fattwali u legali.

55. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud

*Ir-Raba' Aggravju*

56. Dan l-aggravju, li jirrigwarda dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti applikat l-Artikolu 48 tal-Kodici Civili fil-konfront tal-konvenut ukoll, jippresupponi li din il-Qorti tilqa' l-ewwel aggravju tieghu, stante li hu qed isostni li *"m'ghandux jahti ghat-tifrik taz-zwieg u m'ghandux ikun responsabbli ghas-separazzjoni tal-partijiet."*

57. Din il-Qorti tissenjala li, ladarba sabet lill-konvenut ukoll responsabbli ghas-separazzjoni, anke dan l-aggravju jisfa' priv minn bazi fattwali u legali. Ma' dan jizdied li anke din il-Qorti taqbel li n-nuqqasijiet tal-konvenut li kkontribwew ghas-separazzjoni personali huma ta' gravita` tali li, kif korrettement ikkunsidrat u deciz mill-ewwel Qorti, ghandhom jattiraw is-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu fuq citat.

*Il-Hames Aggravju*

58. Dan jirrigwarda l-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni tal-assi tal-kommunjoni tal-akkwisti, senjatament il-valur tad-dar matrimonjali, ix-

xoghol maghmul mill-konvenut fl-istess dar, b'referenza ghad-Dok.JC1, il-pagamenti tal-*loan* maghmula minnu. Barra minnhekk il-konvenut jsostni li, ladarba huwa m'ghandux tort ghas-separazzjoni, l-assenjazzjoni tal-assi ma kellhiex issir f'porzjonijiet ugwali.

59. Rigward il-flus li l-konvenut hareg biex saru il-meljoramenti fid-dar matrimonjali u l-pagamenti tal-*loans*, l-ewwel Qorti kienet korretta u cara meta osservat li, meta qabel iz-zwieg il-konvenut kien qed johrog il-flus f'xoghlijiet ghat-tlestija tal-fond, l-attrici kienet assumiet waheda il-pagamenti tal-*loan*. Ghalhekk ma jirrizultax li hemm xi ammont dovut lill-konvenut fir-rigward. Dwar il-pagamenti tal-*loans*, li saru wara z-zwieg din il-Qorti tosserva li, ghalkemm jirrizulta li fil-mori tal-proceduri kien hemm perjodu fejn il-pagamenti kienu saru mill-konvenut wahdu, ma jirrizultax li l-pagamenti kienu saru minn flus parafernali tieghu, u ghalhekk il-prezunzjoni hi li dawn saru mill-assi tal-komunjoni tal-akkwisti li f'dak iz-zmien kienet ghadha vigenti. Ghalhekk dan l-ilment mhuwiex gustifikat.

60. Rigward il-valur tad-dar matrimonjali, inkwantu mill-atti processwali tirrizulta biss stima taghha, il-konvenut jilmenta li minn dakinhar fis-sena 2011 li fiha saret l-istima sallum, il-valur tal-proprjeta` zgur li oghla aktar mill-ammont ta' €175,000. Il-konvenut jghid li din l-istima ghandha tigi riveduta minn din il-Qorti skont il-*property value*

*index* u f'ammont li "jirrifletti l-valur reali prezenti llum." Din il-Qorti tissenjala li l-oneru tal-prova tal-fatt jirrisjedi fuq minn jallega dak il-fatt u ghalhekk fil-kaz odjern kien jispetta lill-konvenut li jressaq provi quddiem l-ewwel Qorti tal-valur tal-fond fl-aktar zmien qarib id-data meta inghatat is-sentenza appellata fis-sena 2016. Minn dan ma sar xejn, u ghalhekk l-ewwel Qorti kienet korretta meta bbazat ruhha fuq l-ahhar stima li kellha qabel ma tat is-sentenza. Ghalhekk dan l-ilment mhuwiex gustifikat.

61. Rigward l-assenjazzjoni ugwali tal-assi tal-komunjoni, din il-Qorti tosserva li ma rrizultawx cirkostanzi ta' fatt u ta' ligi li jiggustifikaw din il-parti ta' dan l-aggravju; anzi l-provi juru li z-zewg partijiet huma ugwalment hatja tas-separazzjoni. Ghalhekk anke dan l-ilment mhuwiex gustifikat.

62. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

*Is-Sitt Aggravju*

63. Dan l-aggravju huwa bazat fuq il-presuppost li l-konvenut mhuwiex hati ghas-separazzjoni u ghalhekk u m'ghandux ihallas spejjez gudizzjarji.

64. Din il-Qorti tosserva li, kif korrettement ikkunsidrat u ikkonkludiet l-ewwel Qorti, il-htija ghas-separazzjoni tirrisjedi fuq iz-zewg partijiet b'mod ugwali.

65. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi, tilqa' l-appell limitatament billi tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn gie stabbilit il-modalita` tal-access u minflok, tordna: li z-zewg genituri jkollhom access darba fil-gimgha ghal uliedhom, liema access ghandu jkun supervizjonat u ta' tliet sieghat darba fil-gimgha favur il-missier ghat-tifla u access supervizjonat ta' tliet sieghat darba fil-gimgha favur l-omm ghat-tifel. Fl-access iz-zewgt it-tfal ghandhom ikunu flimkien; il-granet tal-access ghandhom jigu fissati bi ftehim mal-haddiema socjali addetti mal-Agenzija Appogg tenut kont l-interessi tat-tfal, izda fin-nuqqas ta' qbil, il-Qorti tordna li l-access ikun nhar ta' Erbgha u nhar ta' Sibt, alternattivament, jibda l-access favur l-omm is-Sibt li jmiss u l-Erbgha li jkun imiss jibda l-access favur il-missier; il-hin tal-access ta' matul il-gimgha jkun mill-4:30pm sas-7:30pm, filwaqt li l-access tas-Sibt ikun mill-10:00am sat-3:00pm; tichad il-kumplament tal-appell u tikkonferma s-sentenza appellata ghal bqija.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi, filwaqt li dawk relatati mal-appell ikunu sopportati mill-konvenut.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
ld